



OPINJONI NRU 03/2011

TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

tad-19 ta' April 2011

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jstabbilixxi r-Regoli ta' Implimentazzjoni għar-
rekwiżiti tal-awtorità u r-rekwiżiti tal-organizzazzjoni**

"Rekwiżiti tal-Awtorità – Rekwiżiti tal-Organizzazzjoni"

Werrej

I.	Sommarju Eżekuttiv	3
II.	Ġenerali	5
III.	Konsultazzjoni	6
IV.	Għan tal-Opinjoni tal-Aġenzija	7
V.	Ambitu u struttura tal-Opinjoni tal-Aġenzija	10
VI.	Memorandum ta' spjegazzjoni dwar il-Parti-AR	13
	Ġenerali	13
	Konsultazzjoni	13
	Ambitu u applikabbiltà	15
	Regolament ta' Kopertura – punti rilevanti għall-Parti-AR.....	18
	Parti-AR Subparti GEN Taqsima I - Ġenerali	19
	Parti-AR Subparti GEN Taqsima II - Ġestjoni	20
	Parti-AR Subparti GEN Taqsima III – Sorveljanza, Ċertifikazzjoni u Infurzar.....	22
	Parti-AR Subparti FCL	26
	Parti-AR Subparti CC	28
	Parti-AR Subparti ATO	29
	Parti-AR Subparti FSTD.....	30
	Parti-AR Subpartijiet AeMC u MED	31
VII.	Memorandum ta' spjegazzjoni Parti-OR	33
	Ġenerali	33
	Konsultazzjoni	33
	Ambitu u applikabbiltà	35
	Regolament ta' Kopertura – punti rilevanti għall-Parti-OR	35
	Definizzjonijiet rilevanti għall-Parti-OR	36
	Parti-OR Subparti GEN Taqsima I – Ġenerali	37
	Parti-OR Subparti GEN Taqsima II – Sistema ta' ġestjoni	40
	Parti-OR Subparti ATO	43
	Parti-OR Subparti FSTD.....	45
	Parti-OR Subparti AeMC	46
	ANNEX I	47

I. Sommarju Eżekuttiv

Din l-Opinjoni tipproponi rekwiżiti għall-awtoritajiet kompetenti u l-organizzazzjonijiet fil-qasam tal-ekwipaġġ tal-ajru tal-avjazzjoni ċivili (l-ekwipaġġ tat-titjira u l-ekwipaġġ tal-kabina). Dawn jinkludu rekwiżiti ġenerali (Subparti GEN) li huma komuni għall-oqsma tal-ekwipaġġ tal-ajru u l-operazzjonijiet tal-ajru kif ukoll rekwiżiti speċifiċi għall-qasam li jkopru l-ħruġ ta' liċenzji għall-ekwipaġġ tat-titjira, l-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina, iċ-ċertifikazzjoni medika, l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ approvati, l-apparat ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir¹ u ċ-ċentri ajrumediċi. Ir-rekwiżiti proposti ma' din l-Opinjoni jikkumplementaw ir-rekwiżiti tekniċi fil-Parti-FCL, il-Parti-MED u l-Parti-CC.

- **AR.ATO** u **AR.FCL** huma bbażati fuq ir-rekwiżiti eżistenti tal-awtorità għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ u għall-ħruġ tal-liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira f'JAR-FCL u l-JIPs relatati. Id-dispożizzjonijiet ġodda huma inklużi għas-sorveljanza tal-eżaminaturi.
- **OR.ATO** hija bbażata fuq ir-rekwiżiti eżistenti għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ inklużi fl-Anness 1 tal-ICAO (Appendiċi 2) u JAR-FCL. L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ kollha, inklużi dawk li jipprovdu taħriġ biss għal-liċenzja ta' pilota ta' inġenji tal-ajru ħfief, liċenzja ta' pilota privat, liċenzja ta' pilota ta' ballun jew liċenzja ta' pilota ta' *sailplane*, huma meħtieġa li jkollhom iċ-ċertifikat ta' ATO.
- **AR.CC** timplimenta d-dispożizzjonijiet inklużi fl-Artikoli tar-Regolament Bażiku 8(4) u 8(5)(e). AR.FSTD u OR.FSTD huma bbażati fuq l-ajruplani u l-ħelikopters JAR-FSTD u l-JIPs għal JAR-STD.
- **AR.MED**, **AR.AeMC** u **OR.AeMC** jinkludu r-regoli għaċ-ċertifikazzjoni medika tal-ekwipaġġ tat-titjira, il-protezzjoni tad-dejta tad-dokumentazzjoni medika tal-eżamijiet ajrumediċi li tinżamm mill-awtorità kompetenti, u r-rekwiżiti tal-organizzazzjoni għall-AeMCs. Ir-regoli proposti huma bbażati fuq il-JAR-FCL 3 u l-kapitoli rilevanti fil-Proċeduri ta' Implimentazzjoni Konġunta tal-JAA (JIPs).

Ir-rekwiżiti tal-awtorità (Parti-AR) u tal-organizzazzjoni (Parti-OR) ikomplu jibnu fuq ir-rekwiżiti eżistenti tat-Taqsima B fir-rigward tar-regoli dwar l-adeqgatezza tal-avjazzjoni u jimplementaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Bażiku fir-rigward tal-interazzjonijiet bejn l-organizzazzjonijiet approvati u l-awtorità kompetenti, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-ħtieġa li jkun hemm reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni u r-revoka ta' ċertifikati, liċenzji, klassifikazzjonijiet, attestazzjonijiet u approvazzjonijiet, kif meħtieġ bl-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Bażiku.

Ir-rekwiżiti tal-awtorità jikkunsidraw l-elementi kritiċi tas-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza definita mill-ICAO u josservaw l-għan ta' standardizzazzjoni stabbilit fir-Regolament Bażiku. Dawn jinkludu wkoll elementi li huma essenzjali biex tiġi stabbilita sistema ta' ġestjoni tal-avjazzjoni komprensiva f'livell ta' UE li tinkludi r-responsabbiltajiet tal-UE u l-Istati Membri għall-ġestjoni tas-sikurezza. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti komuni tal-awtorità huma rilevanti direttament għall-implimentazzjoni tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASP).

Ir-rekwiżiti tal-organizzazzjoni jibnu fuq il-"Konsistenza tal-Approvazzjonijiet tal-Organizzazzjoni" (COra) ewlenija² ir-rakkomandazzjonijiet u l-istandards tal-ICAO relatati mas-sistemi tal-ġestjoni tas-sikurezza (SMSs). Dawn jiffurmaw il-kontroparti għall-Parti-AR dwar il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' ċertifikati u approvazzjonijiet.

¹ Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-qasam tal-awtorità u tal-organizzazzjoni għall-operazzjonijiet tal-ajru għandhom jiġu inklużi mal-Opinjoni dwar l-operazzjonijiet tal-ajru.

² [http://easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/NPA/final%20A-NPA%2015-2006%20COra%20\(26.09.06\).pdf](http://easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/NPA/final%20A-NPA%2015-2006%20COra%20(26.09.06).pdf).

Bil-ħsieb li jiġu trasposti l-istandards tal-ICAO rilevanti dwar is-SMS, il-Parti-OR fis-Subparti GEN tipproponi rekwiżiti ġenerali konsolidati għas-sistemi ta' ġestjoni, imfassla biex jassiguraw il-kompatibilità mas-sistemi ta' ġestjoni eżistenti kif ukoll l-applikabbiltà għall-organizzazzjonijiet kollha li jkollhom ċertifikat ta' organizzazzjoni skont ir-Regolament Bażiku. Ir-rekwiżiti proposti jistgħu japplikaw skont id-daqs tal-organizzazzjoni u n-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha. Dawn huma mfassla biex jistabbilixxu l-istandard biex tiġi implimentata SMS għall-organizzazzjonijiet approvati kollha fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, is-servizzi tan-navigazzjoni fl-ajru u l-ajrunavigabbiltà.

Ir-regoli proposti ma' din l-Opinjoni jsegwu struttura ta' regoli orizzontali. Kif rakkomandat mill-Kummissjoni Ewropea l-istruttura ta' regoli orizzontali qed tkun abbandunata sabiex tkun salvagwardjata l-adozzjoni f'waqtha tal-ewwel regoli ta' estensjoni. Wara jkunu meħtieġa numru ta' tibdiliet strutturali u adattamenti mhux sostanzjali għar-regoli abbozzati. Dawn it-tibdiliet isiru f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, wara l-pubblikazzjoni ta' din l-Opinjoni. Bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat dan il-proċess, ir-rekwiżiti tal-awtorità u l-organizzazzjoni li kienu publikati bħala żewġ abbozzi ta' regoli differenti għall-Avviżi ta' Emenda Proposta (NPAs) u għad-Dokumenti ta' Reazzjoni għall-Kummenti (CRDs) ġew inkorporati f'Opinjoni waħda.

L-Opinjoni tinkludi proposta għal miżuri ta' tranżizzjoni u esklużjonijiet, li jvarjaw minn sitt xhur sa tliet snin, biex tikkunsidra b'mod speċifiku r-rekwiżiti l-ġodda tas-sistema ta' ġestjoni, l-organizzazzjonijiet li jkunu suġġetti għal obbligu ta' ċertifikazzjoni għall-ewwel darba, kif ukoll il-bidliet fir-regoli wara d-deċiżjoni biex tiġi modifikata l-istruttura tar-regoli wara l-pubblikazzjoni tal-Opinjoni.

II. Ġenerali

1. L-għan ta' din l-Opinjoni huwa li tassisti lill-Kummissjoni Ewropea fl-istabbiliment ta' Regoli ta' Implimentazzjoni għar-rekwiżiti tal-awtorità assoċjati mal-operazzjoni tal-ajru u l-ħruġ ta' liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira. Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008³ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ bħala r-'Regolament Bażiku') jistabbilixxi qafas xieraq u komprensiv u jimplementa rekwiżiti tekniċi komuni u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili.
2. L-għan tar-regoli proposti huwa li jstabbilixxi:
 - a. rekwiżiti amministrattivi komuni li jiġu segwiti mill-Aġenzija u mill-Istati Membri biex jimplementaw u jinfurzaw ir-Regolament Bażiku u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu rigward l-operazzjonijiet tal-ajru u r-rekwiżiti tal-persunal, imsejjaħ bħala ir-"Rekwiżiti tal-Awtorità" (minn hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ bħala l-Parti-AR); u
 - b. rekwiżiti tekniċi komuni biex ikun implimentat u infurzat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu rigward l-organizzazzjonijiet fil-qasam tal-operazzjonijiet tal-ajru u r-rekwiżiti tal-persunal, imsejjaħ bħala r-"Rekwiżiti tal-Organizzazzjoni" (imsejjaħ minn hawn 'il quddiem bħala l-Parti-OR). Ir-rekwiżiti fil-Parti-OR jikkonċernaw l-amministrazzjoni u s-sistema ta' ġestjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni u r-revoka ta' ċertifikati.

Ir-regoli proposti huma bbażati fuq il-JAR-FCL u l-JAR-FSTD, fuq l-istandards tal-ICAO u l-prattiki rakkomandati (SARPs), il-Proċeduri ta' Implimentazzjoni Konġunta rilevanti (JIPs) li huma fis-seħħ taħt l-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni (JAA) fil-qasam tal-operazzjonijiet u l-ħruġ ta' liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira, kif ukoll fuq ir-rekwiżiti eżistenti tat-Taqsima B fir-Regolamenti (KE) Nru 1702/2003⁴ u 2042/2003⁵. Dawn jikkunsidraw ukoll il-liġijiet rilevanti li ġejjin tal-Unjoni Ewropea:

- a. Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità⁶;
- b. Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010⁷ dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE; u
- c. Id-Direttiva 2003/42/KE⁸ dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili.

³ Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE; kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 (ĠU L 79, id-19.03.2008, p. 1).

⁴ Regolament (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-diżinn u l-produzzjoni tagħhom (ĠU L 243, is-27.9.2003, p. 6).

⁵ Regolament (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 315, it-28/11/2003, p. 1).

⁶ ĠU L 293, il-31.10.2008, p. 3-20.

⁷ Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 295, it-12.11.2010, p. 35-50).

⁸ Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar rapport ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili (ĠU L 167, l-4.7.2003, p. 23-36).

3. L-Opinjoni ġiet adottata wara l-proċedura speċifikata mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-Aġenzija)⁹, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament Bażiku.
4. Din l-opinjoni hija bbażata fuq in-NPAs li ġejjin:
- NPA 2008-22b li tinkludi proposti abbozzati għar-Regoli ta' Implimentazzjoni (regola ta' implimentazzjoni) u Mezzi ta' Konformità Aċċettabbli (AMC) u Materjal ta' Gwida (GM) relatati mar-rekwiżiti tal-awtorità (il-Parti-AR, Subparti GEN Taqsimiet I, II, u III, is-Subpartijiet FCL, ATO, AeMC, u MED);
 - NPA 2008-22c li tinkludi proposti abbozzati għar-Regoli ta' Implimentazzjoni u AMC u GM relatati mar-rekwiżiti tal-organizzazzjoni (il-Parti-OR, is-Subpartijiet GEN, ATO u AeMC);

NPA 2009-02d li tinkludi proposti abbozzati għar-Regoli ta' Implimentazzjoni u AMC u GM relatati mal-awtoritajiet kompetenti li huma speċifiċi għall-ispezzjonijiet tar-rampa (AR.GEN.Taqsimat IV), għall-operazzjonijiet (AR.OPS) u għall-ekwipaġġ tal-kabina (AR.CC). Dawn mhumiex koperti b'din l-Opinjoni; dawn għandhom jiġu inklużi mal-ewwel Opinjonijiet li għad trid tiġi ppubblikata dwar l-Operazzjonijiet tal-Ajru.

III. Konsultazzjoni

5. NPA 2008-22 ġiet pubblikata fuq is-sit elettroniku tal-EASA (<http://www.easa.europa.eu>) fil-31 ta' Ottubru 2008. NPA 2009-02 ġiet ippubblikata fit-30 ta' Jannar 2009.

Il-perjodu ta' konsultazzjoni għal dawn in-NPAs ġie estiż skont l-Artikolu 6(6) tal-Proċedura ta' Tfassil ta' Regoli¹⁰, fuq it-talba mill-partijiet interessati, sabiex tiġi żgurata s-sovrappożizzjoni tal-perjodi ta' konsultazzjoni tan-NPAs tal-ewwel estensjoni¹¹. Sadeddat tal-għeluq tat-28 ta' Mejju 2009 (NPA 2008-22) u l-31 ta' Lulju 2009 (NPA 2009-02), l-Aġenzija kienet irċeviet 9 405 kummenti li kienu rilevanti għall-Partijiet-AR u OR mingħand iżjed minn 400 kummentatur, inkluż l-awtoritajiet tal-avjazzjoni nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali, kumpaniji privati u persuni individwali. In-numru totali ta' kummenti għaż-żewġ NPAs kien jammonta għal 18 243.

6. Ir-reviżjoni tal-kummenti saret skont il-metodu konġunt għall-estensjoni tal-kompetenza tal-UE stabbilit mill-Aġenzija u l-Kummissjoni Ewropea, u kif approvat mill-Bord tat-Tmexxija u l-Kumitat tal-EASA.¹² Dan jinkludi metodu f'fażijiet biex jiġu proċessati l-ewwel regoli ta' estensjoni sabiex ir-riżorsi disponibbli u l-proċess ta' komitoloġija jkunu jistgħu jikkonċentraw fuq il-proposti f'sekwenza. Din tipprevedi wkoll metodu ta' ħidma avanzat għar-reviżjoni tal-kummenti; min-naħa waħda l-pubblikazzjoni f'waqtha tas-CRD sabiex ma tkunx mhedda l-pubblikazzjoni tar-Regolamenti sat-8 ta' April 2012, id-data stabbilita fl-Artikolu 70 tar-Regolament Bażiku; min-naħa l-oħra l-Aġenzija għandha tipprovdi CRDs li jippermettu lill-partijiet interessati biex jidentifikaw faċilment il-bidliet fin-NPAs, il-konformità tal-ICAO, u kwalunkwe differenzi għall-UE-OPS¹³/Rekwiżiti tal-

⁹ Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija li tikkonċerna l-proċedura li trid tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Ċertifikazzjonijiet, Speċifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida (Proċedura ta' Tfassil ta' Regoli). EASA MB 08-2007, it-13.06.2007.

¹⁰ Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-EASA 08-2007, li temenda u tissostitwixxi l-Proċedura ta' Tfassil ta' Regoli, adottata waqt il-laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija 03-2007 tat-13 ta' Ġunju 2007 (http://www.easa.eu.int/ws_prod/g/management-board-decisions-and-minutes.php).

¹¹ B'mod aktar speċifiku, NPA 2008-22, dwar ir-Rekwiżiti tal-Awtorità u l-Organizzazzjoni, u NPA 2009-02, dwar ir-Regoli ta' Implimentazzjoni għall-Operazzjonijiet tal-Ajru tal-Operaturi tal-UE (http://www.easa.eu.int/ws_prod/r/r_archives.php).

¹² http://easa.europa.eu/ws_prod/q/doc/COMMS/Commission%20EASA%20joint%20position%20MB.%2015%2009%2009.pdf.

¹³ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2008 tal-20 ta' Awwissu 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 dwar il-ħtiġijiet tekniċi komuni u l-proċeduri amministrattivi li japplikaw għat-trasport kummerċjali bl-ajruplan.

Avjazzjoni Konġunta (JARs), kif jixraq. Dan il-metodu ta' ħidma jissodisfa l-Artikolu 7 tal-Proċedura ta' Tfassil ta' Regoli tal-EASA.

7. It-testi emendati tar-regoli ġew diskussi fid-dettall mal-gruppi ta' reviżjoni ta' Tfassil ta' Regoli stabbiliti għal NPAs 2008-22 u 2009-02. Il-kompożizzjoni tal-gruppi ta' reviżjoni kienet ibbażata fuq dik tal-gruppi ta' abbozzar tal-bidu stabbiliti għall-kompiti ta' tfassil ta' regoli OPS.001 u FCL.001. Is-sħubija f'dawn il-gruppi ta' abbozzar tal-bidu ġiet estiża biex tinkludi rappreżentanti oħrajn tal-partijiet interessati, kif ukoll rappreżentant wieħed mid-dipartiment tal-Istandardizzazzjoni tal-Aġenzija, skont ir-regoli ta' proċedura għas-sħubija fil-gruppi ta' tfassil ta' regoli. Il-Parti-AR ġiet ipproċessata flimkien mal-Parti-OR sabiex tkun żgurata l-konsistenza fl-*outputs* u l-*effiċjenza* fil-proċess ta' reviżjoni. Il-proċess ta' reviżjoni involva wkoll il-koordinazzjoni mill-qrib mal-gruppi ta' reviżjoni stabbiliti għar-rekwiżiti tal-operazzjonijiet tekniċi tal-ajru (OPS) (NPA 2009-02b) u l-konsultazzjoni mal-gruppi ta' abbozzar stabbiliti għat-tieni estensjoni (l-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, is-servizzi ta' navigazzjoni fl-ajru).
8. Is-CRDs għall-Parti-AR u l-Parti-OR li jipprovdu sommarji tal-kummenti u r-reazzjonijiet relatati tal-Aġenzija kif ukoll it-test emendat ġew ippubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija fl-4 ta' Ottubru 2010. Is-CRDs kienu jinkludu l-lista tal-persuni u/jew l-organizzazzjonijiet kollha li kkummentaw. Sad-data tal-għeluq tas-6 ta' Diċembru 2010, l-Aġenzija kienet irċeviet 1 020 reazzjoni għall-Parti-AR u l-Parti-OR mingħand iżjed minn 70 kummentatur, l-aktar mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni nazzjonali, l-organizzazzjonijiet professjonali, organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u kumpaniji privati. Aktar informazzjoni dwar dawn ir-reazzjonijiet u dwar il-kunsiderazzjoni tagħhom għal din l-Opinjoni qiegħda tiġi pprovduta taħt is-subparti u l-intestaturi tat-taqsima rilevanti ta' din in-Nota ta' Spjegazzjoni.

IV. Għan tal-Opinjoni tal-Aġenzija

9. Fir-Regolament Bażiku, il-Leġiżlatur Ewropew iddefinixxa l-ambitu tal-kompetenzi u s-setgħat trasferiti mill-Istati Membri lill-Komunità u ddefinixxa l-għanijiet ta' sikurezza essenzjali li jridu jintlaħqu permezz ta' azzjoni Komunitarja. Il-Leġiżlatur Ewropew ta' wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni Ewropea biex tadotta, permezz tal-proċedura ta' komitoloġija, ir-Regoli ta' Implimentazzjoni għar-Regolament Bażiku, kif deskritt fid-dettall fil-premessi 37 u 38 tar-Regolament Bażiku.
10. Ir-Regolament Bażiku jipprovdi l-bażi legali għall-Kummissjoni Ewropea biex tadotta r-rekwiżiti applikabbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-eżistenza ta' dawk ir-rekwiżiti hija strumentali biex jinkiseb l-għan ewlieni tar-Regolament Bażiku – il-ħolqien u ż-żamma ta' livell uniformi għoli ta' sikurezza fl-avjazzjoni ċivili. Jekk jiġu biss imposti rekwiżiti komuni fuq l-awtoritajiet tal-avjazzjoni nazzjonali jista' jiġi żgurat li l-liġi tal-UE tiġi applikata b'mod uniformi fit-territorju tal-Istati Membri.
11. Ir-regolamentazzjoni taċ-ċertifikati u l-approvazzjonijiet teħtieġ l-istabbiliment ta' rekwiżiti kemm għall-applikanti u d-detenturi tagħhom kif ukoll għall-awtoritajiet kompetenti. Il-Parti-AR tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-awtoritajiet li jeżerċitaw is-setgħat tagħhom fir-rigward tal-ħruġ, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka, u s-sorveljanza taċ-ċertifikati, il-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet, l-attestazzjonijiet u l-approvazzjonijiet skont l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Bażiku. Ir-regoli proposti jimplementaw ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 10, 11, 13, 14, 15, 18(d), 22, 24 u 54 tar-Regolament Bażiku.

Il-Parti-OR tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi komuni għall-operaturi, l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-piloti, iċ-ċentri ajrumediċi u d-detenturi ta' ċertifikat ta' apparat ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir (FSTD) skont l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Bażiku. Ir-rekwiżiti komuni tal-awtorità u l-organizzazzjoni għandhom ikunu ta' kontribuzzjoni biex jassiguraw l-applikazzjoni uniformi tal-liġijiet tal-UE billi jissimplifikaw ir-rekwiżiti tas-sorveljanza u tas-sistema ta' ġestjoni għall-partijiet kollha interessati fil-qasam tal-operazzjonijiet u l-ħruġ ta' liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira.

12. Skont il-prinċipji ta' tfassil ta' regoli bbażati fuq il-prestazzjoni, il-bilanċ bejn ir-Regoli ta' Implimentazzjoni u l-AMCs għe rivedut meta kienet qed titfassal din l-Opinjoni, sabiex tkun żgurata l-proporzjonalità u biex jiżded il-felħan tar-regoli f'mument meta l-progress fil-komunikazzjonijiet diġitali, ix-xjenza tal-kompjuter u dixxiplini oħra qed jifftu t-triq għal numru kbir ħafna ta' alternattivi tekniċi u fejn in-numru ta' għażliet disponibbli jkollhom it-tendenza li jinfirxu, b'kumplessità u densità dejjem akbar ta' operazzjonijiet. L-elementi ta' sikurezza essenzjali huma definiti fil-livell ta' regoli ta' implimentazzjoni, filwaqt li aspetti ta' implimentazzjoni li mhumiex essenzjali huma inklużi bħala AMC jew GM. Din il-kumplessità miżjuda fl-operazzjonijiet u fl-attivitajiet tal-avjazzjoni, b'ħafna interazzjonijiet bejn l-elementi tas-sistema, teħtieġ li l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet jimplimentaw sistemi ta' ġestjoni effettivi.
13. Sabiex tgħin lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago u biex itejbu kontinwament il-livell ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa, il-Parti-AR tinkludi ċerti elementi essenzjali sabiex tiġi stabbilita sistema ta' ġestjoni komprensiva f'livell ta' UE, li tinkludi r-responsabbiltajiet tal-UE u l-Istati Membri għall-ġestjoni tas-sikurezza. Dan il-qafas għandu jassigura l-konformità mal-istandards rilevanti tal-ICAO dwar is-SMSs u l-Programmi ta' Sikurezza tal-Istat (SSPs) għall-Istati Membri kollha tal-UE. F'dan il-qasam, l-Aġenzija tappoġġa metodu ħolistiku lejn sistemi ta' ġestjoni li jinkoporaw is-SMS bħala element fundamentali tas-sistema ta' ġestjoni ta' organizzazzjoni jew awtorità. F'dan ir-rigward, ir-rekwiżiti komuni tal-awtorità huma rilevanti direttament għall-implimentazzjoni tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASP). F'dan il-qasam, rekwiżiti aktar dettaljati u AMC u GM assoċjati li jinkludu l-programm ta' sikurezza f'livell ta' UE u li jiddefinixxu l-interazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Aġenzija bħalissa għadhom qed jiġu żviluppati. Dan il-materjal għandu jiġi bbażat fuq ix-xogħol li qed ikun ikkoordinat mill-Kumitat Konsultattiv Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASAC), b'mod partikolari rigward l-EASP.
14. Bil-ħsieb li jiġu trasposti l-istandards tal-ICAO rilevanti għas-SMS, il-Part-OR fis-Subparti GEN tagħha tipproponi rekwiżiti ġenerali kkonsolidati għas-sistemi ta' ġestjoni, imfassla biex jiżguraw l-applikabbiltà għall-organizzazzjonijiet kollha li jkollhom ċertifikat ta' organizzazzjoni skont ir-Regolament Bażiku. Ir-rekwiżiti proposti, filwaqt li jiżguraw il-konformità sħiħa mal-istandards tal-ICAO rilevanti għas-SMS, japplikaw skont id-daqs tal-organizzazzjoni u n-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha. Il-proposta tal-Aġenzija tippromwovi metodu integrat għas-sistemi ta' ġestjoni, li jinkludu s-sorveljanza tal-konformità u l-ġestjoni tas-sikurezza, aktar milli timponi sistema oħra fuq sistemi ta' ġestjoni eżistenti. Il-valutazzjoni tal-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati tas-SMS tal-ICAO (SARPs) żvelat li ħafna mill-elementi tal-SMS tal-ICAO ġew indirizzati wkoll permezz tal-inizjattiva "Konsistenza tal-Approvazzjonijiet ta' Organizzazzjoni" (CoRA), immedija skont il-JAA (ara wkoll l-Avviż bil-Quddiem tal-Emenda Proposta (A-NPA) 15-2006¹⁴). L-għan tal-ICAO li tiġi introdotta SMS fl-oqsma kollha tal-avjazzjoni jwassal b'mod neċessarju għall-istess prinċipji bażiċi tar-rekwiżiti asimplikati għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni kif ukoll għar-rekwiżiti tas-sorveljanza u s-sistema ta' ġestjoni komuni.
15. Ir-rekwiżiti komuni u armonizzati tal-awtorità, flimkien mar-rekwiżiti tal-organizzazzjoni li jikkorrispondu u li japplikaw għall-oqsma kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-operazzjonijiet tal-ajru u l-ekwipaġġ tat-titjira, ġew imfassla biex jikkontribwixxu ħalli jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-CoRA l-iktar rilevanti. Minħabba li l-JARs ġew żviluppati gradwalment u xi ftit jew wisq b'mod indipendenti għal kull qasam, il-materjal regolatorju kien ivarja f'diversi aspetti. L-inkonsistenzi rigward l-approvazzjonijiet tal-organizzazzjoni bdew jidhru meta kienu qed jiġu implimentati l-JARs. Għalkemm uħud minn dawn l-inkonsistenzi ġew iġġustifikati minħabba l-ispeċifità tal-qasam li kien qed jiġi indirizzat, ħafna oħrajn ma kinux.
16. Fil-bidu, l-Aġenzija għażlet metodu gradwali biex tarmonizza l-approvazzjonijiet ta' organizzazzjoni. Bħala l-ewwel pass, dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew ikkunsidrati

¹⁴ [http://easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/NPA/final%20A-NPA%2015-2006%20CoRA%20\(26.09.06\).pdf](http://easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/NPA/final%20A-NPA%2015-2006%20CoRA%20(26.09.06).pdf).

sabiex titfassal ir-regola ta' implimentazzjoni għall-operazzjonijiet tal-ajru u l-ħruġ ta' liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira. Fil-fażi ta' wara għe ppjanat biex dawn jiġu implimentati għan-NPAs tat-tieni estensjoni (għestjoni tat-traffiku tal-ajru/servizzi ta' navigazzjoni fl-ajru u ajrudromi). Aktar tard, ir-rakkomandazzjonijiet tal-CORa kienu intiżi sabiex jiġu implimentati fir-regoli dwar l-ajrunavigazzjoni¹⁵ (Regolamenti (KE) Nru 1702/2003 u 2042/2003), bl-għan li tiġi żgurata konsistenza sħiħa tar-rekwiżiti għall-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet fl-oqsma kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija. L-Aġenzija tixtieq temfasizza l-importanza tal-konsistenza fl-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet biex tkun iffaċilitata l-aċċettazzjoni tar-regoli tal-EASA mill-kontropartijiet tagħha, bħalma huma l-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni Federali tal-Istati Uniti tal-Amerika (FAA) u t-Trasport tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Kanada (TCCA). L-aċċettazzjoni reċiproka tal-approvazzjonijiet u taċ-ċertifikati għandha tgawdi sew minn rekwiżiti armonizzati u ssimplifikati għall-għoti ta' tali approvazzjonijiet u ċertifikati.

17. Għan speċifiku wieħed fit-tul tal-CORa kien li tiġi stabbilita sistema ta' approvazzjoni waħda b'ambitu li jvarja, li jwassal għall-formola tal-applikazzjoni bażika u ċertifikat wieħed b'numru ta' approvazzjoni uniku għal organizzazzjonijiet approvati differenti, filwaqt li jinżammu kriterji differenti għal kull approvazzjoni speċifika. Tali sistema ta' approvazzjoni unika tkun ta' benefiċċju mhux biss għaliex numru sinifikanti ta' organizzazzjonijiet ikollhom aktar minn approvazzjoni waħda, iżda wkoll għaliex organizzazzjonijiet approvati ma jeżistux fix-xejn. F'diversi każijiet dawn iżommu rabtiet mill-qrib ma' organizzazzjonijiet approvati oħra u din it-tendenza hija mistennija li tiżdied fil-futur. Madankollu, dan l-għan ma jistax jintlaħaq mingħajr kunsens ċar bejn il-partijiet interessati dwar il-ħtieġa għal rekwiżiti komuni u ssimplifikati tal-awtorità u l-organizzazzjoni li jkunu japplikaw għall-oqsma tekniċi kollha fi ħdan ir-regoli tal-EASA.
18. Ċerti partijiet interessati esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-pertinenza li tiġi adottata struttura ta' regoli orizzontali għar-regoli kollha relatati mas-sikurezza tal-avjazzjoni, li tipponta lejn id-diffikultajiet li jista' jkun hemm meta jiġi estiż il-metodu għal oqsma oħra li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija, fejn ftehim dwar tali rekwiżiti komuni tal-awtorità u l-organizzazzjoni minn medda wiesgħa ta' partijiet interessati x'aktarx ikun aktar diffiċli biex jintlaħaq. Bħalissa, il-Kummissjoni Ewropea rakkomandat li tiġi mwarrba l-istruttura ta' regoli orizzontali sabiex tissalvagwardja l-adozzjoni f'waqtha tar-regoli tal-ewwel estensjoni. Il-bidliet strutturali u l-adattamenti mhux sostanzjali li huma meħtieġa għar-regoli wara d-distribuzzjoni mill-ġdid tar-rekwiżiti tekniċi li jikkorrispondu (FCL, ekwipaġġ tal-kabina (CC), MED, OPS) għandhom isiru wara l-pubblikazzjoni ta' din l-Opinjoni fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija. Sabiex jiġu ffaċilitati dawn il-bidliet fil-materja tar-regoli abbozzati, il-Parti-AR u l-Parti-OR ġew inkorporati f'Opinjoni unika, filwaqt li l-punti kollha li jittrattaw esklużivament l-operazzjonijiet tneħħew.

Dan jikkonċerna l-artikoli u l-paragrafi rilevanti fir-regolament ta' kopertura, id-definizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet fir-regoli ta' implimentazzjoni li huma rilevanti biss għall-operaturi kummerċjali, għall-operaturi li jkunu soġġetti għall-obbligu ta' dikjarazzjoni kif definit fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament Bażiku, jew għal operaturi privati ta' inġenji tal-ajru għajr daww kumplessi li jaħdmu bil-magni. Dawn il-punti għandhom jiġu ttrasferiti għall-Opinjoni dwar l-Operazzjonijiet tal-Ajru.

L-Anness I għal din in-nota ta' spjegazzjoni jipprovdi l-korrispondenza bejn ir-referenzi tar-regoli u t-titoli tagħhom kif ippubblikati mal-CRDs għall-Parti-AR / Parti-OR u kif inklużi ma' din l-Opinjoni.

¹⁵ Ir-regoli tal-ajrumavigabilità, li joħorġu direttament mill-JARs, jeħtieġu reviżjoni għall-konsistenza, bħala prerekwiżit biex jiġu implimentati r-rekwiżiti tas-sistema ta' għestjoni komuni proposta mal-Parti-OR sabiex tkun implimentata SMS fil-qasam tal-ajrumavigabilità.

V. Ambitu u struttura tal-Opinjoni tal-Aġenzija

19. L-ambitu ta' din l-Opinjoni jkopri:

- a. ir-rekwiżiti ġenerali tal-awtorità u tal-organizzazzjoni relatati mal-ekwipaġġ tal-ajru u l-operazzjonijiet tal-ajru (AR.GEN flief it-Taqsima IV "Spezzjonijiet tar-Rampa", u OR.GEN);
- b. ir-rekwiżiti speċifiċi tal-awtorità relatati mal-ħruġ ta' liċenzji u s-sorveljanza tal-ekwipaġġ tat-titjira (AR.FCL);
- c. ir-rekwiżiti speċifiċi tal-awtorità relatati mal-attestazzjoni u s-sorveljanza tal-ekwipaġġ tal-kabina (AR.CC).
- d. ir-rekwiżiti speċifiċi tal-awtorità u l-organizzazzjoni relatati maċ-ċertifikazzjoni u/jew is-sorveljanza ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ approvati (AR.ATO u OR.ATO);
- e. ir-rekwiżiti speċifiċi tal-awtorità u l-organizzazzjoni relatati mal-kwalifika tal-FSTDs (AR.FSTD u OR.FSTD);
- f. ir-rekwiżiti speċifiċi tal-awtorità u l-organizzazzjoni relatati maċ-ċertifikazzjoni ajrumedika u ċ-ċentri ajrumediċi (AeMC) (AR.MED; AR.AeMC u OR.AeMC); u

Ir-rekwiżiti tal-awtorità u tal-organizzazzjoni speċifiċi għall-qasam għall-operazzjonijiet tal-ajru (AR.OPS u OR.OPS) u l-ispezzjonijiet tar-rampa (AR.GEN.Taqsima IV¹⁶) li ġew ippubblikati mas-CRDs għall-Parti-AR u l-Parti-OR se jrin jiġu inklużi mal-ewwel Opinjonijiet li trid tiġi ppubblikata dwar l-Operazzjonijiet tal-Ajru. Dan it-trasferiment jikkonċerna wkoll ir-regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi dwar id-dikjazzjoni (AR.GEN.345 u OR.GEN.145), minħabba li dawn japplikaw b'mod esklużiv għal operaturi mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magna.

L-Opinjoni hija maqsuma kif ġej:

- Regolament ta' Kopertura "Rekwiżiti tal-Awtorità – Rekwiżiti tal-Organizzazzjoni;
- Anness – Definizjonijiet użati fir-Regolament ta' Kopertura, fil-Parti-AR u l-Parti-OR;
- Anness II – Rekwiżiti tal-Awtorità - Parti-AR;
- Anness III – Rekwiżiti tal-Organizzazzjoni - Parti-OR.

20. Ma' din l-Opinjoni, qegħdin jiġu proposti żewġ Subpartijiet ġodda sabiex jiġu kkompilati rekwiżiti li jkunu rilevanti għall-FSTDs, li qabel kienu inklużi f'AR.ATO u f'OR.ATO rispettivament:

- Subparti AR.FSTD b'rekwiżiti speċifiċi għall-kwalifika tal-FSTDs;
- Subparti OR.FSTD b'rekwiżiti speċifiċi għall-kwalifika tal-FSTDs u għall-organizzazzjonijiet li joperaw il-FSTDs.

Id-dijagrammi li ġejjin jirrappreżentaw l-istrutturi tal-Anness II Parti-AR u tal-Anness III Parti-OR rispettivament kif proposti ma' din l-Opinjoni.

¹⁶ Id-dispożizzjonijiet dwar l-ispezzjonijiet tar-rampa li qabel kienu inklużi f'AR.GEN.Taqsima IV għandhom jiġu ppubblikati mar-Rekwiżiti tal-Awtorità għall-Operazzjonijiet tal-Ajru, bħala Subparti "Spezzjonijiet tar-Rampa".

Rekwiżiti tal-Awtorità u l-Organizzazzjoni Anness II

Parti-Ar

Ġenerali

Attestazzjoni

Ġestjoni

Frug ta' Liċenzji, Klassifikazzjonijiet, u Ċertifikati

Organizzazzjonijiet li jipprovdu taħriġ tal-CC jew li joħorġu attestazzjonijiet tal-CC

Eżaminaturi Ajrumediċi

Ċertifikazzjoni Ajrumedika

Sorveljanza, ċertifikazzjoni u infurzar

Eżamijiet tal-ġharfien teoretiku




Figura 1: Rekwiżiti tal-Awtorità




Figura 2: Rekwiżiti tal-Organizzazzjoni
 Rekwiżiti tal-Awtorità u l-Organizzazzjoni
 Parti-OR
 Ġenerali
 Organizzazzjonijiet li joperaw FSTDs
 Ġestjoni
 ATOS li jipprovdu taħriġ għal CPL, MPL u ATPL
 ATOS li jipprovdu tipi speċifiċi ta' taħriġ
 Kwalifika tal-FSTDs

VI. Memorandum ta' spjegazzjoni dwar il-Parti-AR


Ġenerali

21. Il-Parti-AR, kif propost f'din l-Opinjoni, tikkonsisti minn seba' Subpartijiet, li jinqasmu f'aktar Taqsimiet, li jinkludu kemm rekwiżiti ġenerali kif ukoll rekwiżiti speċifiċi għall-qasam, għall-awtorità kompetenti applikabbli għal kull tip ta' ċertifikat, approvazzjoni jew attività:
 - a. Parti-AR Subparti GEN, rekwiżiti ġenerali;
 - b. Parti-AR Subparti FCL, rekwiżiti speċifiċi relatati mal-ħruġ ta' liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira;
 - c. Parti-AR Subparti CC, rekwiżiti speċifiċi relatati mal-attestazzjoni u s-sorveljanza tal-ekwipaġġ tal-kabina;
 - d. Parti-AR Subparti ATO, rekwiżiti speċifiċi relatati ma' organizzazzjonijiet ta' taħriġ approvati;
 - e. Parti-AR Subparti FSTD, rekwiżiti speċifiċi għall-kwalifika tal-FSTDs;
 - f. Parti-AR Subparti AeMC, rekwiżiti speċifiċi relatati ma' ċentri ajrumediċi; u
 - g. Parti-AR Subparti MED, rekwiżiti speċifiċi relatati ma' ċertifikazzjoni ajrumedika.
22. It-test propost fl-Opinjoni jirrifletti l-bidliet li saru fil-proposti tal-bidu tal-Aġenzija (kif ippubblikati fin-NPAs 2008-22b u 2009-02d) bħala riżultat tal-konsultazzjoni pubblika, kif ukoll il-bidliet l-oħra li saru wara l-analiżi u l-valutazzjoni tar-reazzjonijiet li saru għas-CRD.

Konsultazzjoni

23. Għall-Parti-AR u l-Parti-OR, l-Aġenzija rċeviet 1 020 reazzjoni mingħand iżjed minn 70 kummentatur, li jinkludu l-awtoritajiet tal-avjazzjoni mill-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Finlandja, l-Italja, l-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi, in-Norveġja, Spanja, l-Isvezja, l-Isvizzera u r-Renju Unit, kif ukoll minn organizzazzjonijiet professjonali, organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, kumpaniji privati u xi persuni individwali. L-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni Federali tal-Istati Uniti (FAA) ukoll irrviediet is-CRDs u ma kellha l-ebda kummenti. Mir-reazzjonijiet kollha li rċeviet, 530 għandhom x'jaqsmu mal-Parti-AR u 490 mal-Parti-OR. Il-maġġoranza tar-reazzjonijiet saru għas-Subpartijiet GEN. Madwar 20% tal-1 020 reazzjoni saru dwar l-AMCs u l-GM għall-Parti-AR u l-Parti-OR.


Il-grafika t'hawn taħt turi d-distribuzzjonijiet tar-reazzjonijiet għall-Parti-AR għad-diversi Subpartijiet.



Grafika 1: Reazzjonijiet għall-Parti-AR – distribuzzjoni

Regolamenti ta' kopertura
oħrajn (kummenti ġenerali)

24. Indikazzjoni dwar l-oriġini tar-reazzjonijiet qiegħda tiġi pprovduta hawn taħt. Meta jiġi kkunsidrat li r-reazzjonijiet li joriġinaw minn assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-industrija normalment jintbagħtu f'isem il-membri individwali tagħhom, wieħed jassumi li s-sehem tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija f'tit li xejn huwa rappreżentat f'din il-grafika. Li l-maġġoranza tar-reazzjonijiet joriġinaw mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni nazzjonali mhuwiex, madankollu, wieħed sorprendenti.



Grafika 2: Reazzjonijiet għall-Parti-AR – oriġini

Unjins

Industrija u assoċjazzjonijiet
Persuni individwali
NAAs

Ambitu u applikabbiltà

25. Il-Parti-AR kif proposta f'din l-Opinjoni tapplika għal-ħruġ ta' liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira, għall-attestazzjoni u s-sorveljanza tal-ekwipaġġ tal-kabina, għall-approvazzjoni u s-sorveljanza kontinwata tal-organizzazzjoni tat-taħriġ u ċentri ajrumediċi approvati, għall-kwalifika tal-FSTDs, għas-sorveljanza tad-detenturi taċ-ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD u għaċ-ċertifikazzjoni ajrumedika. Is-Subparti GEN tal-Parti-AR tiddefinixxi r-rekwiżiti komuni għall-awtoritajiet kompetenti, li jfisser dawk li japplikaw għall-oqsma tekniċi kollha fi ħdan l-ambitu.

Il-Parti-AR Subparti GEN kif proposta ma' din l-Opinjoni tinkludi tliet Taqsimiet:

- Taqsima I Ġenerali;
- Taqsima II Amministrazzjoni; u
- Taqsima III Sorveljanza, ċertifikazzjoni u infurzar.

26. Dawn l-artikoli ta' implimentazzjoni rilevanti tar-Regolament Bażiku fir-rigward tal-interazzjonijiet bejn l-organizzazzjonijiet approvati u l-awtorità kompetenti, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-Aġenzija, l-approvazzjoni tal-mezzi ta' konformità alternattivi għal dawk stabbiliti mill-Aġenzija, il-ħtieġa biex ikun hemm reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka taċ-ċertifikati u approvazzjonijiet. Is-Subparti GEN tinkludi wkoll ir-rekwiżiti għall-organizzazzjoni u s-sistema ta' ġestjoni tal-awtoritajiet kompetenti li huma rilevanti direttament għall-kapaċitajiet ta' sorveljanza tal-awtoritajiet kompetenti.

Regolament Bażiku	Rekwiżiti tal-awtorità
Artikolu 2(2)(d) Għanijiet Artikolu 15 Netwerk ta' informazzjoni	Programm ta' sikurezza (Regolament ta' Kopertura Artikolu 3)
Artikolu 18 Miżuri tal-aġenzija Artikolu 19 Opinjonijiet, ċertifikazzjoni u materjal ta' gwida	Mezzi ta' konformità (AR.GEN.120)
Artikolu 7 Piloti	Kapaċitajiet ta' sorveljanza (Regolament ta' Kopertura Artikolu 4)
Artikolu 7 Piloti (ATOs, AeMCs, FSTDs)	Sorveljanza (AR.GEN.300)
Artikolu 8 Operazzjonijiet tal-ajru	Programm ta' sorveljanza (AR.GEN.305) Ċertifikazzjoni tal-bidu (AR.GEN.310 & 315) Tibidiliet – organizzazzjonijiet (AR.GEN.330)
Artikolu 8(4) Operazzjonijiet tal-Ajru – Ekwipaġġ tal-Kabina	Sejbiet (AR.GEN.350) Infurzar – persuni (AR.GEN.355)
Artikolu 10 Sorveljanza u infurzar	Sorveljanza (AR.GEN.300) Programm ta' sorveljanza (AR.GEN.305) Sejbiet (AR.GEN.350) Infurzar – persuni (AR.GEN.355)
Artikolu 13 + Anness V Entitajiet kwalifikati	Allokazzjoni tal-kompiti (AR.GEN.205)
Artikolu 14, Artikolu 18(d) Dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà	Dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà (Regolament ta' Kopertura Artikolu 5)
Artikolu 15 Netwerk ta' informazzjoni	Informazzjoni lill-Aġenzija (AR.GEN.125) Programm ta' sorveljanza (AR.GEN.305)

Regolament Bażiku	Rekwiżiti tal-awtorità
	Sistema ta' ġestjoni (AR.GEN.200)
Artikolu 14 Dispożizzjonijiet ta' flessibilità Artikolu 15 Netwerk ta' informazzjoni Artikolu 22(1) Ċertifikazzjoni tal-operazzjoni tal-ajru	Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza (AR.GEN.135)
Artikolu 24 Sorveljanza tal-applikazzjoni tar-regoli	Sistema ta' ġestjoni (AR.GEN.200) Bidliet fis-sistema ta' ġestjoni (AR.GEN.210)
Artikolu 54 Spezzjoni tal-Istati Membri	Bidliet fis-sistema ta' ġestjoni (AR.GEN.210) Żamma tar-rekords(AR.GEN.220)

Tabella 1: L-Artikoli tar-Regolament Bażiku implimentati bil-Parti-AR

27. B'mod konformi mal-approċċ tas-sistema totali, ir-rekwiżiti fis-Subparti GEN ġew imfassla bil-ħsieb li jiżguraw il-konsistenza u l-kompatibilità sakemm ikun prattiku mar-regoli rilevanti fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, kif ukoll dak tal-ajrunavigabilità. Meta wieħed jikkunsidra l-karattru ġenerali, ir-Regoli ta' Implimentazzjoni proposti jikkunsidraw l-elementi kritiċi (EK) tas-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza definiti mill-ICAO¹⁷, b'mod partikolari fir-rigward ta':

- CE-3: Is-sistema tal-avjazzjoni ċivili tal-Istat u l-funzjonijiet tas-sorveljanza tas-sikurezza
- CE-4: Il-kwalifika u t-taħriġ tal-persunal tekniku
- CE-5: Gwida teknika, għodod u d-dispożizzjoni ta' informazzjoni kritika dwar is-sikurezza
- CE-6: L-obbligi tal-ħruġ ta' liċenzji, ċertifikazzjoni, awtorizzazzjoni u/jew l-approvazzjoni
- CE-7: Obbligi ta' sorveljanza
- CE-8: Riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet dwar is-sikurezza.

L-istandards tal-ICAO dwar l-implimentazzjoni ta' Programm ta' Sikurezza tal-Istat (SSP) jeħtieġu li l-Istat jistabbilixxi mekkaniżmi biex tkun żgurata s-sorveljanza effettiva ta' dawn l-elementi kritiċi¹⁸.

28. Ir-regoli proposti jibnu wkoll fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-UE-OPS Subparti Ċ "Ċertifikazzjoni tal-Operatur u Sorveljanza"¹⁹ u d-dispożizzjonijiet li kienu jeżistu fil-JAA JIPs. Ir-regoli ta' implimentazzjoni u l-AMCs relatati fis-Subparti GEN għall-Parti-AR huma konsistenti b'mod sħiħ mal-istandards rilevanti dwar is-sorveljanza tas-sikurezza inklużi fl-Anness 6 tal-ICAO²⁰ Parti I Appendiċi 5 u l-Part III Appendiċi 1. L-eċċezzjoni hija l-istandard 5.5 "renumerazzjoni u kondizzjonijiet tas-servizz", li għalih l-ebda ekwivalenti

¹⁷ Ara d-Dokument tal-ICAO 9735 *Manwal ta' Verifika tas-Sorveljanza tas-Sikurezza*, Tieni Edizzjoni— 2006, Appendiċi C – billi tiġi vvalutata l-implimentazzjoni effettiva tal-elementi kritiċi tas-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza, il-kapaċità tal-Istat għas-sorveljanza tas-sikurezza tiġi stabbilita bħala parti mill-Programm ta' Verifika dwar is-Sorveljanza tas-Sikurezza Ġenerali tal-ICAO.

¹⁸ Ara l-Anness 1 tal-ICAO Dokument Mehmuż C u l-Anness 6 tal-ICAO Dokument Mehmuż J "Qafas għall-Programm tas-Sikurezza tal-Istat" § 3.1.

¹⁹ It-tabelli li jipparagunaw ir-regoli għall-UE-OPS u l-JAR-OPS 3 ġew ipprovduti mal-CRDs dwar il-Parti-AR u l-Parti-OR, cf. <http://easa.europa.eu/rulemaking/docs/crd/part-ar/CRD%20c.4%20-%20Rule%20comparison%20EU-OPS+JAR-OPS3.pdf>.

²⁰ L-Anness 1 tal-ICAO ma jinkludix tali Appendiċi dwar is-sorveljanza tas-Sikurezza.

ma jista' jiġi propost fil-Parti-AR, minħabba li tali kondizzjonijiet mhumiex regolati fil-livell ta' liġi tal-UE.

Anness 6 tal-ICAO Parti I - Appendiċi 5 Anness 6 tal-ICAO Parti III – Appendiċi 1	Regoli tal-EASA
1. Leġislazzjoni tal-avjazzjoni primarja	Regolament (KE) Nru 216/2008 OR.GEN.140
2. Regolamenti speċifiċi tal-operat	Regolament (KE) Nru 216/2008; Rekwiżiti Essenzjali, Regolament (KE) Nru 2042/2003 Parti-AR Subparti OPS
3.Struttura tal-CAA u l-funzjonijiet tas-sorveljanza tas-sikurezza	AR.GEN.200(a)(2) numru suffiċjenti ta' persunal Regolament ta' Kopertura Artikolu 4
4. Gwida Teknika	AR.GEN.200(a)(1) AR.GEN.300(f)
5. Persunal tekniku kwalifikat	AR.GEN.200(a)(2) GM1 u 2-AR.GEN.200(a)(2)
6. Obbligi ta' ħruġ ta' liċenzji u ċertifikazzjoni	AR.GEN.200(a)(1) - AMC1-AR.GEN.305(b)-OPS AR.GEN.310 - AMC1-AR.GEN.310(a)-OPS
7. Obbligi ta' sorveljanza kontinwata	AR.GEN.200(a)(1); AR.GEN.300 AR.GEN.305; AMC1-AR.GEN.305(b)
8. Riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet ta' sikurezza	AR.GEN.200(a)(1) u AR.GEN.350 AR.GEN.350

Tabella 2: Korrispondenza bejn l-istandards tal-ICAO rilevanti dwar is-sorveljanza u l-Parti-AR

29. Is-Subparti GEN tal-Parti-AR, filwaqt li tipproponi rekwiżiti komuni li jistgħu jiġu applikati għat-tipi kollha ta' ċertifikati u approvazzjonijiet, timplimenta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-CORa tal-JAA f'termini ta' sorveljanza relatata mal-prestazzjoni, proċessi ta' ta' approvazzjoni ssimplifikati li jipprovdu konsistenza fl-approvazzjonijiet tal-organizzazzjoni, fejn tali konsistenza tkun meħtieġa għall-organizzazzjonijiet biex jimplimentaw sistemi ta' ġestjoni (ta' sikurezza) effettivi. L-għan tal-ICAO li jintroduċi SMS fl-oqsma kollha tal-avjazzjoni b'mod neċessarju jwassal għall-istess prinċipji bażiċi tal-ġestjoni u l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni.
30. Bħala konklużjoni, minħabba li l-Parti-AR tibni fuq ir-regoli eżistenti u tipproponi rekwiżiti li jkunu allinjati b'mod sħiħ mal-istandards rilevanti tal-ICAO għas-sistemi tas-sorveljanza tas-sikurezza tal-Istati, il-parti prinċipali tal-kompiti tal-awtorità definiti fir-regoli ta' implimentazzjoni proposti ma' din l-Opinjoni mhumiex differenti wisq minn dawk li l-awtoritajiet kompetenti qed iwettqu diġà bħalissa. Kwalunkwe kompiti addizzjonali jsibu l-ġustifikazzjoni tagħhom jew fir-Regolament Bażiku direttament (jiġifieri l-implimentazzjoni ta' dawk l-Artikoli li għandhom x'jaqsmu mal-ewwel estensjoni, it-tweġiq tal-għan prinċipali tar-Regolament Bażiku f'termini ta' sikurezza, standardizzazzjoni u armonizzazzjoni) jew f'dawk l-istandards tal-ICAO relatati mal-istabbiliment ta' SSP.

Regolament ta' Kopertura – punti rilevanti għall-Parti-AR

31. Ir-rekwiżiti indirizzati għall-Istati Membri bil-kuntrarju ta' dawk għall-awtoritajiet kompetenti huma inklużi fir-Regolament ta' Kopertura: l-Artikolu 3 jeħtieġ li l-Istati Membri u l-Aġenzija jistabbilixxu pjanijiet ta' sikurezza tal-avjazzjoni li jkollhom fil-mira t-titjib kontinwu tas-sikurezza. Dan ifisser ukoll il-ħtieġa li l-Istati Membri jikkoordinaw il-pjanijiet tas-sikurezza tagħhom, minħabba li s-sikurezza tal-avjazzjoni issa trid tkun ġestita b'mod konġunt mill-Istati tal-EASA. B'mod partikolari, il-kondiviżjoni preżenti tal-kompetenzi mal-Unjoni Ewropea ma tippermettix li pjan ta' sikurezza jiġi implimentat minn Stat Membru waħdu. Il-quddiem se jkun hemm aktar materjal biex isaħħaħ l-implimentazzjoni komuni tar-rekwiżiti tal-Programm ta' Sikurezza tal-Istat tal-ICAO (SSP) fil-qafas Ewropew. Dan għandu jiġi bbażat fuq ix-xogħol li qed ikun ikkoordinat mill-Kumitat Konsultattiv Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASAC), b'mod partikolari rigward il-manwal tal-EASP.
32. L-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Kopertura jipproponi rekwiżiti dwar il-kapaċitajiet tas-sorveljanza. Dawn id-dispożizzjonijiet, filwaqt li jkunu konsistenti b'mod sħiħ mal-elementi kritiċi rilevanti tal-ICAO tas-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza, jeħtieġu wkoll lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-persunal tas-sorveljanza tagħhom ikollu s-setgħa meħtieġa biex iwettaq kompiti ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza u ma jkollu l-ebda kunflitt ta' interess.
33. L-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Kopertura jiddefinixxi l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta man-notifikazzjoni mibgħuta minn Stat Membru meta dan jagħmel użu mid-dispożizzjonijiet ta' flessibilità stabbiliti fl-Artikoli 14.1, 14.4, 14.6 tar-Regolament Bażiku u mill-Aġenzija meta din tagħti eżenzjoni skont l-Artikolu 18(d)²¹ tar-Regolament Bażiku rispettivament. Mingħajr ma jinħoloq piż żejjed, dan għandu jiżgura l-applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet rilevanti u jsaħħaħ l-effiċjenza fil-proċess tal-għoti ta' eżenzjonijiet u derogi.
34. L-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Kopertura jistabbilixxi obbligu fuq l-Istati Membri biex jittrasferixxu r-rekords lill-Aġenzija fir-rigward tas-sorveljanza tal-ATOs u l-AeMCs li jkunu jinstabu barra t-territorju tal-Istati Membri, minħabba li l-Istati Membri mhumiex se jkunu aktar kompetenti għal dawn l-organizzazzjonijiet wara t-8 ta' April 2012. Id-dettalji dwar tali trasferimenti ta' rekords se jrin jitħabbru mill-Aġenzija lil dawn l-awtoritajiet kompetenti li huma kkonċernati.

L-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Kopertura jiddefinixxi d-data tad-dħul fis-seħħ u tal-applikabilità: filwaqt li jistabbilixxi l-ħtieġa għal tranżizzjoni jew implimentazzjoni ttardjata tar-rekwiżiti tal-awtorità, l-Aġenzija kkunsidrat li r-rekwiżiti proposti tal-awtorità huma, sa ċertu punt, ibbażati fuq il-materjal tar-regoli eżistenti u ma jinkludux elementi li huma fundamentalment ġodda rigward l-organizzazzjoni ta' awtorità kompetenti fil-qasam ta' ċertifikazzjoni u s-sorveljanza. Hija kkunsidrat ukoll li l-Istati Membri, filwaqt li huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Chicago, kienu ilhom jimplementaw sistemi ta' sorveljanza tas-sikurezza għal bosta snin. Aktar importanti, hekk kif ir-regoli l-ġodda bdew japplikaw, l-Istati Membri riedu jkunu f'pożizzjoni biex jipproċessaw kwalunkwe applikazzjonijiet ġodda fuq il-bażi tar-rekwiżiti l-ġodda, li jimplika li l-organizzazzjonijiet u s-sistemi ta' sorveljanza tagħhom kellhom jiġu aġġornati qabel. Rigward il-proposta mressqa mas-CRD biex l-Istati Membri jingħataw tul ta' żmien ta' 12-il xahar biex jaġġornaw il-proċeduri amministrattivi tagħhom ħalli jkunu konformi mar-regoli l-ġodda, tressqu kummenti minn ħames awtoritajiet tal-avjazzjoni Ewropej li talbu sabiex dan il-perjodu jiġi estiż għal 24 xahar. Wara reviżjoni interna, l-Aġenzija fl-aħħar nett neħħiet din id-dispożizzjoni, minħabba li mhijiex konformi mal-esklużjonijiet proposti u, aktar importanti, din tista' toħloq kunflitt mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 dwar il-metodi ta' ħidma tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għat-tweqqif ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni²². Madankollu, irid jingħata aktar żmien għall-

²¹ Kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) 1108/2009.

²² ĠU L 240, is-7.9.2002, p. 1.

aġġustamenti u l-aġġornamenti meħtieġa fil-proċeduri dettaljati ta' sorveljanza u sistemi relatati, bħalma huma applikazzjonijiet ta' softwer, bħala riżultat tal-bidliet fir-referenzi tar-regoli wara d-deċiżjoni li jerġa' jkun hemm mill-ġdid struttura ta' regoli vertikali. Biex jiġi indirizzat dan, fl-Artikolu 10.2 ġiet inkluża esklużjoni ġenerali ta' 6 xhur.

Il-miżuri ta' tranżizzjoni u l-esklużjonijiet indirizzati għall-organizzazzjonijiet huma spjegati fil-paragrafi 81 sa 86 ta' din in-nota ta' spjegazzjoni.

Parti-AR Subparti GEN Taqsima I - Ġenerali

35. It-Taqsima I tikkomplementa r-rekwiżiti għall-Istati Membri definiti fil-livell tar-Regolament ta' Kopertura b'rekwiżiti ġenerali applikabbli għall-awtoritajiet kompetenti. Primarjament din għandha l-għan li tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-Aġenzija, kif ukoll bejn l-awtoritajiet infushom. Dawn id-dispożizzjonijiet jirriżultaw mir-rekwiżiti ta' livell għoli previsti fir-Regolament Bażiku (b'mod partikolari l-Artikoli 5(5); 7(6); 8(5); 10; 15; 22(1) u 24). It-Taqsima I tinkludi wkoll l-obbligi relatati mad-dokumentazzjoni tas-sorveljanza li tikkomplementa d-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-kapaċitajiet tas-sorveljanza inklużi fir-Regolament ta' Kopertura b'referenza għall-Element Kritiku tal-ICAO CE-5 "Gwida teknika, għodod u d-dispożizzjoni ta' informazzjoni kritika għas-sikurezza".
36. It-Taqsima I teħtieġ ukoll lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jipprovdu lill-Aġenzija informazzjoni li tkun sinifikanti għas-sikurezza (AR.GEN.125(b)). Għalkemm id-Direttiva 2003/42/KE²³ tistabbilixxi l-kunċett ta' rapporti ta' sikurezza obbligatorji f'każ ta' inċidenti serji, inħass li l-miżuri ta' implimentazzjoni relatati²⁴ ma jipprovdux għal rekwiżit espliċitu biex l-Aġenzija tingħata l-informazzjoni kollha disponibbli dwar is-sikurezza f'format xieraq. L-Aġenzija għandha tiġi infurmata dwar kwistjonijiet relatati mad-diżinn, id-dejta dwar l-adeqwatezza operattiva (OSD) u s-sikurezza tal-operat kif definit fil-EASP jew oqsma li l-Aġenzija identifika b'mod speċifiku bħala ta' tħassib għas-sikurezza. Il-materjal tal-AMC se jkun inkluż għal AR.GEN.125(b) bħala riżultat tax-xogħol li qed isir bħalissa fil-qafas tas-Sistema Interna ta' Rapportar tal-Okkorrenza tal-Aġenzija (IORS - Internal Occurrence Reporting System). Imbagħad, din tipprovdi lill-Aġenzija b'għodda essenzjali biex tiżviluppa r-reviżjoni annwali dwar is-sikurezza meħtieġa mil-Legizlatur²⁵.
37. It-Taqsima I tinkludi rekwiżiti biex jiġu pproċessati l-mezzi alternattivi ta' konformità għall-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità maħruġa mill-Aġenzija. It-terminu Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC) kif imsemmi fl-Artikoli 18 u 19 tar-Regolament Bażiku jintuża primarjament biex jikkwalifika l-materjal tekniku/ta' proċedura li jrid jintuża mill-Istati Membri u l-industrija meta dawn jimplementaw ir-Regolament Bażiku u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu. F'dan ir-rigward, AMC turi mezz ta' konformità mar-regola. Minħabba li l-materjal relatat maħruġ mill-Aġenzija mhuwiex ta' natura leġiżlattiva, dan ma jistax joħloq obbligi fuq il-persuni regolati u dawn jistgħu jiddeċiedu li juru konformità mar-rekwiżiti applikabbli billi jużaw mezzi oħra. Madankollu, il-Leġiżlatur kellu l-intenzjoni li tali materjal jipprovdi għaċ-ċertezza legali tal-applikanti u li jkun hemm implimentazzjoni uniformi, u għalhekk ikkonferixxa dan bi preżunzjoni li jkun hemm konformità mar-regola. L-AMC torbot lill-awtoritajiet kompetenti biex persuni regolati li jkunu konformi magħha jridu jiġu rikonnoxuti bħala li huma konformi mal-liġi. Madankollu, hemm il-flessibbiltà minħabba li l-partijiet interessati jistgħu jipproponu mezzi alternattivi ta' konformità lill-awtorità kompetenti tagħhom, u, sakemm dawn

²³ Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili (ĠU L 167, 4.7.2003, p. 23).

²⁴ L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 tat-12 ta' Novembru 2007 li jistipula r-regoli ta' implimentazzjoni għall-integrazzjoni ta' tagħrif dwar okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili skambjat skont id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 294, it-13.11.2007, p. 3).

²⁵ L-Artikolu 15(4) tar-Regolament Bażiku.

ikunu jistgħu juru li livell ekwivalenti ta' sikurezza jista' jiġi garantit, dawn il-mezzi alternattivi ta' konformità jkunu mbagħad jistgħu jiġu approvati u implimentati.

38. Il-proposta mressqa mas-CRD hija intiża biex tiżgura l-ipproċessar uniformi ta' tali alternattivi mill-awtoritajiet kompetenti u biex tipprovdi għal trasparenza sħiħa, li hija nieqsa fis-sistema preżenti. Il-bażi legali għall-mekkaniżmu ta' mezzi alternattivi ta' konformità u l-obbligi għall-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinstabu fl-Artikoli 5(5), 7(6) u 8(5) tar-Regolament Bażiku, fost oħrajn, billi jiġi stabbilit kif għandhom jiġu adottati r-regoli ta' implementazzjoni biex jinħarġu, jinżammu u jiġu emendati ċ-ċertifikati u l-approvazzjonijiet. Minħabba li l-mezzi alternattivi ta' konformità huma primarjament mezzi li jintużaw mill-applikanti biex ikunu konformi mar-regoli ta' implimentazzjoni, l-Aġenzija fasset li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit proċess kemm għall-applikanti kif ukoll għall-awtoritajiet biex jindirizza dawn il-mezzi alternattivi ta' konformità. Dwar ir-rwol u l-obbligi inklużi għall-Aġenzija, dawn isibu l-bażi legali tagħhom fis-setgħat mogħtija lill-Aġenzija biex tissorvelja l-implimentazzjoni tar-regoli mill-awtoritajiet kompetenti u biex tistandardizza l-prestazzjoni tagħhom (ara r-Regolament Bażiku, Artikoli 10 u 24).
39. Għall-finijiet ta' standardizzazzjoni u armonizzazzjoni, qed ikun stabbilit obbligu biex awtorità kompetenti tinnotifika lill-Aġenzija dwar kull mezz alternattiv ta' konformità li din tkun approvat jew li tkun qed tuża, kif ukoll biex tagħmel disponibbli lill-organizzazzjonijiet u l-persuni kollha li jaqgħu taħt is-sorveljanza tagħha l-mezzi alternattivi ta' konformità li l-awtorità kompetenti stess tkun qed tuża biex ikun hemm konformità mar-regoli applikabbli. Din tintroduċi kompitu ġdid għall-awtoritajiet kompetenti, li jista' madankollu jiġi implimentat fuq il-bażi tal-mekkaniżmi u l-proċeduri eżistenti; għalhekk il-piż addizzjonali huwa mistenni li jkun wieħed limitat.

Permezz tal-kummenti tan-NPA u r-reazzjonijiet tal-CRD deher b'mod ċar li l-maġġoranza tal-partijiet interessati huma favur li l-Aġenzija twettaq verifika sistematika *ex-ante* tal-mezzi alternattivi ta' konformità kollha qabel ma dawn jiġu approvati u/jew implimentati mill-awtorità kompetenti. L-argument ċentrali huwa li jinżamm livell ġust u li tiġi eliminata l-inċertezza li hemm bħalissa minħabba l-fatt li l-mezzi alternattivi ta' konformità approvati mill-awtorità kompetenti mingħajr l-intervent tal-Aġenzija jistgħu aktar tard jiġu kkontestati, pereżempju waqt spezzjoni ta' standardizzazzjoni. Ir-Regolament Bażiku ma jinkludix mandat għal tali approvazzjoni *ex-ante* mill-Aġenzija minħabba li dan iħalli l-implimentazzjoni tar-regoli f'idejn l-Istati Membri. Għaldaqstant dawn il-kwistjonijiet ma jistgħux jiġu indirizzati taħt is-sistema legali preżenti. Madankollu, sabiex jiġi kkunsidrat it-tħassib tal-partijiet interessati, qed ikun previst element ta' mitigazzjoni billi jiġi stabbilit b'mod espliċitu r-rekwiżit biex l-awtorità kompetenti tistabbilixxi sistema li permezz tagħha tkun tista' tevalwa u tirregola b'mod konsistenti l-mezzi alternattivi ta' konformità kollha. F'dan il-kuntest huwa importanti li jiġi nnotat li l-użu tal-mezzi ta' konformità approvati minn awtorità kompetenti huwa limitat għall-organizzazzjonijiet li jaqgħu taħt is-sorveljanza ta' dik l-awtorità. Dan ifisser li organizzazzjonijiet oħra li jkunu jixtiequ jużaw l-istess mezzi alternattivi ta' konformità jkunu jridu jipproċessawhom għal darb'oħra mal-awtorità kompetenti tagħhom.

40. Fl-aħħar nett, bħala risposta għar-reazzjonijiet tal-CRD, l-Aġenzija ssimplifikat id-definizzjonijiet billi fasset it-terminu "mezzi addizzjonali ta' konformità" u estendiet id-definizzjoni ta' "mezzi alternattivi ta' konformità" biex tinkludi mezzi li jipprovdu alternattiva għall-AMC eżistenti kif ukoll mezzi ġodda biex tiġi stabbilita l-konformità mar-Regolament Bażiku u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu fejn l-ebda AMC assoċjat ma jkun ġie adottat mill-Aġenzija.

Parti-AR Subparti GEN Taqsima II - Ġestjoni

41. Ir-regoli fit-Taqsima II jeħtieġu lill-awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu u jżommu sistema ta' ġestjoni sabiex ikunu konformi mal-obbligi tagħhom u jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom kif stabbiliti fil-Parti-AR. L-elementi prinċipali ta' tali sistema ta' ġestjoni jsegwu r-rekwiżiti ta' sistema ta' ġestjoni tipika li japplikaw għall-organizzazzjonijiet:

- politiki u proċeduri dokumentati;
 - persunal biżżejjed li jkun ikkwalifikat b'mod adegwat, inkluż l-obbligu li jkun hemm pjan għad-disponibbiltà tal-persunal;
 - il-ħatra ta' impjegati ta' ġestjoni għall-oqsma differenti ta' attività;
 - faċilitajiet u akkommodazzjoni adegwati;
 - funzjoni biex tkun sorveljata l-konformità mas-sistema ta' ġestjoni, inkluż il-ħatra ta' persuna jew grupp ta' persuni li jkunu responsabbli għall-funzjoni tas-sorveljanza tal-konformità;
 - il-ħtieġa li jiġi assigurat li l-kompiti taċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza mwettqa f'isem l-awtorità kompetenti jkunu konformi mar-rekwiżiti applikabbli;
 - sistema biex ikunu identifikati l-bidliet li jaffettwaw is-sistema ta' ġestjoni u biex tittieħed azzjoni biex ikun żgurat li din tibqa' effettiva; u
 - sistema ta' żamma tar-rekords biex tkun żgurata t-traċċabbiltà tal-attivitajiet imwettqa.
42. Dawn ir-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni huma kkumpliementati minn rekwiżit speċifiku biex jistabbilixxi proċeduri għall-iskambju effettiv tal-informazzjoni u l-għajnuna ta' awtoritajiet oħra, li jfisser f'aktar dettall ir-rekwiżiti tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Bażiku. Is-sett ta' rekwiżiti komuni għas-sistemi amministrattivi tal-awtorità kompetenti proposti mat-Taqsima II huwa relatat b'mod dirett mal-elementi kritiċi tal-ICAO dwar is-sistemi ta' sorveljanza tas-sikurezza CE-4 "Kwalifika u taħriġ tal-persunal tekniku" u CE-5 "Gwida teknika, għodod u l-forniment ta' informazzjoni kritika dwar is-sorveljanza". Dawn ir-rekwiżiti jappoġġjaw l-implimentazzjoni tas-SSPs u għandhom jgħinu biex tiġi stabbilita sistema ta' sorveljanza effettiva li tiffaċilita u tteġġeg lill-organizzazzjoniet regolati biex jimplimentaw sistemi ta' ġestjoni skont il-Parti-OR.
43. Bil-ħsieb li jiġi appoġġjat il-proċess ta' standardizzazzjoni u li tiġi ffaċilitata l-bidla ta' dak il-proċess lejn sorveljanza kontinwata²⁶, it-Taqsima II teħtieġ ukoll li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu lill-Aġenzija bid-dokumentazzjoni rilevanti dwar is-sistema ta' ġestjoni tagħhom u l-bidliet għal din.
44. Rigward l-użu ta' entitajiet kwalifikati (AR.GEN.205), ċerti Stati Membri kkontestaw l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fil-Parti-AR, fejn saħqu li l-Artikolu 13 u l-Anness V tar-Regolament Bażiku kienu qed jindirizzaw il-kwistjoni b'mod suffiċjenti. Bil-kuntrarju, l-Aġenzija tikkunsidra li r-Regolament Bażiku ma jipprovdux kif l-obbligi speċifikati għandhom jiġu żgurati u għaldaqstant qed iżżomm id-dispożizzjonijiet, f'verżjoni emendata: Ir-regola issa tindirizza l-allokazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-kompiti ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza lil persuni legali u fiżiċi u tiffoka fuq il-kriterji li jridu jintlaħqu. Tali regoli speċifiċi għandhom l-għan li jiggarrantixxu li kwalunkwe komputu ta' ċertifikazzjoni jew sorveljanza li jitwettaq f'isem l-awtorità kompetenti jkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli, bl-istess mod kif inhu meħtieġ mill-organizzazzjonijiet meta dawn jikkuntrattaw attivitajiet fl-ambitu tal-approvazzjoni tagħhom. Din ir-regola ta' implimentazzjoni ġdida hija rilevanti b'mod dirett biex tiżgura livell għoli ta' sikurezza fl-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza ta' awtorità kompetenti, kif ukoll l-implimentazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Bażiku.
45. Filwaqt li d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II jirriżultaw minn rekwiżiti eżistenti, bħal dawk inklużi fit-Taqsima B għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 fil-qasam tal-organizzazzjoni

²⁶ Il-Metodu ta' Sorveljanza Kontinwata (CMA) għandu jinvolti l-istabbiliment ta' sistema li tkompli tissrovelja kontinwament lill-Istati Membri skont metodu armonizzat u konsistenti. Is-sorveljanza tal-kapaċità ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-Istati Membri għandha tkun ibbażata fuq l-erba' fażijiet prinċipali li ġejjin: (1) il-ġbir u l-validazzjoni tad-dejta dwar is-sikurezza, (2) l-analiżi u l-kejl tal-livell tal-kapaċità tas-sorveljanza tas-sikurezza, (3) l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet u l-valutazzjoni tar-riskji relatati, (4) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji għall-mitigazzjoni tar-riskji.

tal-awtorità kompetenti, il-kwalifika u t-taħriġ, il-proċeduri, il-faċilitajiet, iż-żamma tar-rekords u oħrajn, dawn jeħtieġu xi kompiti ġodda għall-awtoritajiet kompetenti:

- a. it-trasmissjoni lill-Aġenzija tal-proċeduri u l-emendi għal dawn, l-informazzjoni lill-Aġenzija dwar it-tibdiliet li jaffettwaw is-sistema ta' ġestjoni (AR.GEN.200(d) u AR.GEN.210(ċ));
- b. id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri għall-parteċipazzjoni fi skambju ta' informazzjoni reċiproku u għajjuna lil awtoritajiet kompetenti oħra AR.GEN.200(ċ); u
- c. l-implimentazzjoni ta' sistema ta' sorveljanza tal-konformità (AR.GEN.200(a)(4);(5)), inkluż l-implimentazzjoni ta' sistema li tevalwa fil-bidu u kontinwament persuni legali jew fiżiċi li jwettqu kompiti ta' ċertifikazzjoni jew sorveljanza f'isem l-awtorità kompetenti (AR.GEN.205).

Filwaqt li għall-kompiti a. u b. wieħed jassumi li l-awtoritajiet jistgħu jiddependu fuq ir-riżorsi u l-mezzi ta' komunikazzjoni eżistenti, ta' min jirrikonoxxi li biex jitwettaq il-kompitu ċ. hemm bżonn ta' aktar riżorsi. Ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri biex jipprovdu l-kapaċitajiet ta' sorveljanza u r-riżorsi meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti biex dawn iwettqu l-kompiti tagħhom skont ir-rekwiżiti applikabbli huma stabbiliti b'mod ċar fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament ta' Kopertura. Dan għandu jifforma l-bażi legali biex ikun żgurat li l-kompiti addizzjonali kollha jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati. F'dan il-kuntest tajjeb li wieħed jinnota li sistema ta' ġestjoni effettiva, inkluż is-sorveljanza ta' konformità effettiva, tikkostitwixxi fattur kontributorju importanti biex tkun żgurata l-effiċjenza fl-infiq fil-proċessi ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza.

46. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II issa jippreżentaw l-obbligi:

- a. għall-awtoritajiet kompetenti biex iżommu lista ta' ċertifikati tal-organizzazzjonijiet kollha, iċ-ċertifikati tal-kwalifika tal-FSTD u l-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet, iċ-ċertifikati jew l-attestazzjonijiet tal-persunal li jkunu nħarġu (AR.GEN.220(b));
- b. għall-awtoritajiet kompetenti biex iżommu r-rekords tal-valutazzjoni tal-mezzi alternattivi ta' konformità proposti mill-organizzazzjonijiet li jkunu jiddependu miċ-ċertifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' mezzi alternattivi ta' konformità użati mill-awtorità kompetenti stess; u
- c. li tiġi implimentata sistema għall-ippjanar tad-disponibbiltà tal-persunal (AR.GEN.200(a)(2)).

Għalkemm ir-regoli preżenti ma jinkludux tali rekwiżiti espliċiti, wieħed jista' jassumi li l-awtoritajiet kompetenti għandhom fis-seħħ sistemi li huma meħtieġa biex ikunu konformi ma' dawn ir-rekwiżiti ġodda bħala parti mill-amministrazzjoni tagħhom ta' ċertifikati u l-approvazzjonijiet u l-ġestjoni tal-persunal tagħhom.

Parti-AR Subparti GEN Taqsima III – Sorveljanza, Ċertifikazzjoni u Infurzar

47. Din it-Taqsima fi h'dan il-Parti-AR Subparti GEN tipprovdi l-elementi meħtieġa lill-awtorità kompetenti dwar kif din għandha tirreaġixxi ma' organizzazzjonijiet u persuni regolati. Din tiddekrivi il-prinċipji ġenerali tas-sorveljanza, tindirizza l-elementi tal-programm ta' sorveljanza u tfiġġ fid-dettall l-azzjonijiet speċifiċi, l-irwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni, is-sorveljanza kontinwata u l-proċessi ta' infurzar. Din hija bbażata fuq proċeduri stabbiliti f'regolamenti eżistenti. Ir-regoli dwar is-sorveljanza jikkunsidraw ir-rekwiżiti ta' livell għoli inklużi fir-Regolament Bażiku biex jassiguraw li s-sorveljanza ma tkunx limitata għal organizzazzjonijiet u persuni li jkunu ċertifikati mill-awtorità kompetenti.

Id-dispożizzjonijiet rilevanti jirriżultaw mill-JAA JIPs għal JAR-OPS u JAR-FCL, kif ukoll ir-rekwiżiti eżistenti tat-Taqsima B fir-Regolamenti (KE) Nri 1702/2003 u 2042/2003. L-artikoli rilevanti tar-Regolament Bażiku għall-OPS huma: 8(5); għall-FCL: 7(6); għas-sorveljanza korporattiva: l-Artikoli 10, 11, u 15. Bi tweġiba għar-reazzjonijiet tal-partijiet

interessati, struzzjonijiet aktar speċifiċi dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-bidu u s-sorveljanza, li jindirizzaw b'mod speċifiku l-proċessi, il-kwalifiki tal-persunal u l-adegwatezza tan-numru, il-validità tal-liċenzji u l-għalliema tat-titjir eċċ... sejrin jiġu inklużi mal-AMCs u l-GM.

48. Il-proposta mressqa man-NPA inkludiet elementi li jirriżultaw mir-rakkomandazzjonijiet tal-CORa biex jinħareġ ċertifikat ta' organizzazzjoni wieħed lil dawk l-organizzazzjonijiet li jkollhom approvazzjonijiet skont iktar minn Parti waħda. L-analiżi tal-kummenti tan-NPA tindika b'mod ċar li l-kunċett ta' "ċertifikat uniku" ma għandux appoġġ: it-tħassib tal-industrija jikkonċerna l-fatt li l-ICAO ma teħtieġ l-ebda approvazzjoni ta' organizzazzjoni "ta' kopertura" barra l-AOC, għalhekk iċ-ċertifikat uniku jista' johlq speċifità Ewropea mingħajr għarfien internazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti kkummentaw li l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' ċertifikat uniku u l-konnessjoni bejn iċ-ċertifikat ta' organizzazzjoni uniku u ċ-ċertifikati speċifiċi għall-qasam (AOC, ATO, AeMC) ma ġewx stabbiliti b'mod ċar. Dawn qalu wkoll li ċ-ċertifikat ta' organizzazzjoni uniku jista' johlq xogħol żejjed għall-awtoritajiet li ma kienx iġġustifikat f'termini ta' sikurezza. Minħabba li l-għanijiet prinċipali wara l-kunċett ta' ċertifikat ta' organizzazzjoni uniku jistgħu jinkisbu mingħajr ma jiġi impost il-ħruġ ta' ċertifikat uniku, l-Aġenzija qablet li ma tibqax iżżomm il-kunċett ta' ċertifikat uniku. Fil-fatt, f'termini ta' sorveljanza effettiva huwa ħafna iżjed rilevanti li jiġi razzjonalizzat il-programm ta' sorveljanza għal dawk l-organizzazzjonijiet li jkollhom approvazzjonijiet skont iktar minn Parti waħda milli li jinħareġ ċertifikat ta' organizzazzjoni uniku. Li jiġu kreditati punti ta' verifika għal organizzazzjonijiet awtorizzati skont iktar minn Parti waħda huwa aċċettabbli, kif deskritt fl-AMCs għal AR.GEN.305.
49. In-NPA kienet tinkludi wkoll proposta għal sorveljanza korporattiva²⁷ immirata biex tinħoloq il-bażi ħalli tiġi assigurata l-iktar sorveljanza effiċjenti ta' dawk l-attivitajiet li mhumiex ġeografikament limitati għall-Istat Membru fejn ikun inħareġ iċ-ċertifikat. L-għan ewlieni tad-dispożizzjonijiet tas-sorveljanza korporattiva huwa li fis-sorveljanza jkun hemm dimensjoni Ewropea, billi jiġi mħeġġeġ l-aħjar użu tar-riżorsi tas-sorveljanza lokalment, filwaqt li jkun żgurat li l-persuni, l-organizzazzjonijiet jew l-inġenji tal-ajru kollha jkunu jiddependu minn sorveljanza regolari. Dan għandu jimplementa wħud mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-Konferenza tad-Diretturi Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili dwar Strateġija Globali għas-Sorveljanza tas-Sikurezza (li saret fl-uffiċċji tal-ICAO fl-1997), li matulha ġiet emfasizzata l-ħtieġa li jiġu koordinati u armonizzati l-prinċipji u l-proċeduri biex tiġi vvalutata s-sorveljanza tas-sikurezza f'livell globali filwaqt li kienu rikonoxxuti wkoll il-vantaġġi li jkun hemm enfasi reġjonali. Tressqu diversi kummenti għal din il-proposta tal-Aġenzija. Il-maġġoranza tal-kummenti saru mill-awtoritajiet kompetenti, li esprimew it-tħassib tagħhom dwar in-nuqqas ta' ċarezza fir-rigward tar-responsabbiltajiet tas-sorveljanza kif ukoll dwar l-aspetti prattiċi tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, fejn sistemi legali differenti jew problemi lingwistiċi jistgħu joħoloqu diversi ostakli. It-tħassib tal-industrija kien jikkonċerna l-aktar il-piż żejjed u d-dupplikazzjoni tas-sorveljanza li jista' jkun hemm fuq dawk l-organizzazzjonijiet li joperaw f'diversi Stati Membri.
50. Skont ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-grupp ta' reviżjoni tal-AR/OR u wara laqgħa apposta għar-rappreżentanti tal-Grupp Konsultattiv tal-Awtortajiet Nazzjonali (AGNA), id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Taqsima III ta' AR.GEN. ġew irfinuti iżjed biex jindirizzaw it-tħassib ewlieni imfisser mill-partijiet interessati. Għandu jintuża metodu bbażat fuq ir-riskju li jikkunsidra primarjament il-prijoritajiet tas-sikurezza identifikati fil-pjan tas-sikurezza tal-Istat imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Kopertura biex ikun stabbilit l-ambitu tas-sorveljanza għall-attivitajiet imwettqa fit-territorju tal-Istat Membru minn persuni jew organizzazzjonijiet li ma jkunux ċertifikati mill-awtorità kompetenti. Ir-responsabbiltà primarja tal-awtorità kompetenti li tkun ħarġet iċ-ċertifikat tibqa' l-istess. Il-proposta hija kkumplimentata bid-dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni fuq bażi

²⁷ It-terminu "sorveljanza kollettiva" użat fin-Nota ta' Spjegazzjoni għan-NPA 2008-22 issa qed ikun sostitwit bit-terminu "sorveljanza korporattiva", li jirrifletti aħjar l-għan tad-dispożizzjonijiet rilevanti.

volontarja f'forma ta' ftehimiet bejn l-awtoritajiet sabiex parti mis-sorveljanza tkun tista' titwettaq mill-awtorità li fit-territorju tagħha ssejtn l-attività, biex b'hekk tiżied il-viżibbiltà ta' dawk l-attivitàjiet. Dan għandu jħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti biex jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi tal-awtorità lokalment. Ir-regoli ta' implimentazzjoni relatati mas-sejbiet u l-infurzar (AR.GEN.350 u AR.GEN.355) ġew emendati kif xieraq. AR.GEN.350 ġiet emendat ukoll biex tkun konsistenti ma' AR.CC biex tindirizza l-falsifikazzjoni u l-frodi. Is-subparagrafu ġdid AR.GEN.300(f) qed jiġi miżjud biex jinkludi d-dispożizzjoni li qabel kienet definita f'AR.GEN.425(a), li din tal-aħħar ġiet trasferita fir-Regolament dwar l-Operazzjonijiet tal-Ajru.

51. Filwaqt li l-Aġenzija emendat il-proposta tagħha dwar is-sorveljanza korporattiva biex tindirizza t-tassib ewlieni imfisser mill-Istati Membri, hija tinsisti dwar l-importanza li tiġi estiża s-sorveljanza għall-attivitàjiet kollha fit-territorju ta' Stat Membru kif ukoll dwar il-kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, sabiex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-isfidi tas-suq komuni: numru ikbar ta' piloti u opertauri, kif ukoll ta' eżaminaturi tat-titjir u eżaminaturi ajrumediċi jistgħu jeżerċitaw il-privileġġi tagħhom fi Stat tal-UE li jkun differenti mill-Istat li jkun primarjament responsabbli għas-sorveljanza tagħhom. Għalhekk, l-Aġenzija tissuġġerixxi li, fil-futur, għandha ssir reviżjoni tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-sorveljanza korporattiva u tal-iffunzjonar xieraq tas-sistema ta' sorveljanza, mhux biss biex tidentifika n-nuqqasijiet possibbli fis-sorveljanza kemm jista' jkun malajr, iżda wkoll biex tkun stabbilita l-ħtieġa għal aktar dispożizzjonijiet speċifiċi, bl-għan li jtkatru l-kapaċitajiet tas-sorveljanza f'livell Ewropew, kemm f'termini ta' sikurezza kif ukoll fl-użu effiċjenti tar-riżorsi.
52. Element importanti ieħor propost man-NPA huwa l-adozzjoni ta' sorveljanza bbażata fuq ir-riskju u l-prestazzjoni, li tirriżulta wkoll mill-inizjattiva tal-CORR. Wara valutazzjoni tal-kummenti dwar in-NPA, l-intervall ta' 24 xahar ta' sorveljanza li fil-bidu kien definit fil-livell ta' regoli ta' implimentazzjoni ġie trasferit għall-AMC taħt AR.GEN.305 għall-CRD, biex jipprovi ċertu flessibbiltà. Din il-bidla għal livell ta' AMC wasslet għal reazzjonijiet mill-partijiet interessati, li fessru t-tassib serju tagħhom dwar l-implimentazzjoni ta' sistema bbażata fuq ir-riskju f'din il-fażi: Dawn saħqu li tali sistema m'għandhiex tiġi adottata qabel ma l-organizzazzjonijiet regolati jkunu kisbu maturità biżżejjed fis-sistemi tal-ġestjoni tas-sikurezza tagħhom u qabel ma l-awtoritajiet kompetenti jkollhom stampa ċara dwar il-prestazzjoni tas-sikurezza tagħhom, permezz ta' ġbir u analiżi tad-dejta rilevanti. Uħud mill-partijiet interessati kkummentaw ukoll li l-flessibbiltà pprovduta tista' tintuża f'ċerti Stati Membri biex jiġġustifikaw aktar tnaqqis fir-riżorsi tal-awtorità kompetenti. Biex ikun indirizzat dan it-tassib, l-Aġenzija qablet li ddaħħal mill-ġdid l-intervall ta' 24 xahar fil-livell ta' regoli ta' implimentazzjoni u issa qed tipproponi għadd ta' kriterji biex testendi jew tnaqqas dan l-intervall ta' sorveljanza bażika. Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw għall-organizzazzjonijiet li jkunu ċertifikati mill-awtorità kompetenti u għad-detenturi taċ-ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD.
53. AR.GEN.300 u AR.GEN.305 jinkludu rekwiżiti ġenerali għas-sorveljanza ta' persuni permezz ta' spezzjonijiet. Uħud mill-assoċjazzjonijiet tal-partijiet interessati u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ taw ir-reazzjonijiet tagħhom għal dawk id-dispożizzjonijiet, fejn ikkontestaw il-ħtieġa għal spezzjonijiet mhux imħabbra filwaqt li saħqu li d-dispożizzjonijiet jistgħu jwasslu għal spejjeż żejda li jistgħu jiġu mgħoddija lid-detenturi tal-liċenzja. Għandha tiġi inkluża AMC biex tiċċara li s-sorveljanza ta' persuni li jkollhom liċenzja, ċertifikat, klassifikazzjoni jew attestazzjoni għandha tiġi żgurata fuq bażi regolari bħala parti mis-sorveljanza tal-organizzazzjonijiet fejn dawn il-persuni jkunu qed jeżerċitaw il-privileġġi tagħhom. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli meta din tkun qed tawtorizza jew iġġedded il-klassifikazzjonijiet. Barra minn hekk, biex twettaq ir-responsabbiltajiet tas-sorveljanza tagħha kif xieraq, l-awtorità kompetenti għandha twettaq ċertu numru ta' verifiki mhux imħabbra. L-AMC għandha tirrifletti d-dispożizzjonijiet tad-Dokument 9379 tal-ICAO "Manwal ta' proċeduri għall-istabbiliment u l-ġestjoni ta' sistema ta' liċenzjar tal-persunal ta' Stat".

54. Id-dispożizzjonijiet ta' "approvazzjoni indiretta" għal ċerti tipi ta' bidliet fl-organizzazzjoni proposti man-NPA ġew riveduti. Il-kwistjoni issa hija indirizzata f'AR.GEN.330 "Bidliet – organizzazzjonijiet" u l-bidliet qed jiġu kklassifikati jew bħala li jeħtieġu approvazzjoni minn qabel jew li ma jeħtieġux approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti. Barra minn hekk, hemm ukoll dispożizzjonijiet għal dawk l-organizzazzjonijiet li jixtiequ jimplimentaw il-bidliet mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti: l-organizzazzjoni għandu jkollha proċedura li tispeċifika l-ambitu ta' dawn il-bidliet u li tiddekrivi kif dawn se jiġu ġestiti u għandha tressaq din il-proċedura quddiem l-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni (ara AR.GEN.310(ċ)). Id-dispożizzjonijiet emendati jissodisfaw b'mod sħiħ l-intenzjoni ta' "approvazzjoni indiretta" jew il-bidliet "aċċettabbli għall-awtorità".
55. Ir-regoli ta' implimentazzjoni proposti dwar is-sejbiet u l-azzjonijiet ta' infurzar ġew emendati biex jinkludu id-deskrizzjoni tas-sejbiet li qabel kienu previsti fil-Parti-OR kif ukoll biex jallinjaw dawn il-bidliet f'AR.GEN.300 u AR.GEN.305 relatati mas-sorveljanza korporattiva. Barra minn hekk, ir-referenzi kollha għall-penali ġew imħassra, peress li dawn huma soġġetti għar-regoli nazzjonali applikabbli li jimplimentaw l-Artikolu 68 tar-Regolament Bażiku. Fl-aħħar nett, il-perjodu ta' implimentazzjoni għall-azzjonijiet korrettivi ġie definit mill-ġdid biex ikun allinjat mar-rekwiżiti eżistenti tar-regoli tal-adekwatezza tal-ajrunavigabilità kontinwata.
56. Meta wieħed jikkunsidra li parti kbira mir-regoli ta' implimentazzjoni proposti fit-Taqsima III ta' AR.GEN huma bbażati fuq rekwiżiti eżistenti, u meta jiġu kkunsidrati l-obbligi tal-Istati Membri taħt l-ICAO biex jimplimentaw sistemi ta' sorveljanza effettiva bħala parti mill-programm tas-sikurezza tal-Istat tagħhom, il-kompiti li huma ġodda b'mod ġenwin jew li mhumiex parti minn dawk li jirriżultaw mill-obbligi taħt il-Konvenzjoni ta' Chicago huma limitati għall-obbligi biex:
- jinfurmaw persuni u organizzazzjonijiet li jkunu jiddependu minn ftehim ta' sorveljanza bejn l-awtoritajiet kompetenti (AR.GEN.300(e));
 - japprovaw il-proċedura tal-organizzazzjoni relatata ma' bidliet li ma jkunux jeħtieġu approvazzjoni minn qabel (AR.GEN.310(c));
 - jinfurmaw lill-awtorità kompetenti li tkun ħarġet iċ-ċertifikat f'każ li jkun ġie identifikat kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli minn organizzazzjoni li tkun ċertifikata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor jew mill-Aġenzija, kif ukoll biex jipprovdu indikazzjoni dwar il-livell ta' riżultati (AR.GEN.350(e)); u
 - jinfurmaw lill-awtorità kompetenti li tkun ħarġet il-liċenzja, iċ-ċertifikat, il-klassifikazzjoni jew l-attestazzjoni f'każ li jkun ġie identifikat kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli minn persuna li tkun ċertifikata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor (AR.GEN.355(e)).

Wieħed jassumi li l-awtoritajiet jistgħu jiddependu fuq ir-riżorsi, il-proċessi ta' sorveljanza u ċertifikazzjoni, kif ukoll fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni preżenti biex ikunu jistgħu jwettqu dawn il-kompiti addizzjonali.

Parti-AR Subparti FCL

57. Is-Subparti AR.FCL tiddefinixxi rekwiżiti speċifiċi għall-awtoritajiet relatati mal-ħruġ ta' liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira. Din tinkludi 3 taqsimiet:

- Taqsima I Ġenerali
- Taqsima II Liċenzji, klassifikazzjonijiet u ċertifikati
- Taqsima III Eżamijiet tal-għarfien teoretiku.

It-*Taqsima I* ta' din is-Subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali u tinkludi dispożizzjonijiet għar-rekords tal-ħruġ ta' liċenzji li jridu jinżammu mill-awtorità kompetenti.

It-*Taqsima II* tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet addizzjonali għal-liċenzji, klassifikazzjonijiet u ċertifikati. Din tinkludi r-rekwiżiti li jittrattaw il-proċeduri għall-ħruġ, il-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid ta' liċenzji, is-sorveljanza tal-eżaminaturi, informazzjoni speċifika għall-eżaminaturi, il-perjodu tal-validità tal-liċenzji, il-proċedura għall-ħruġ mill-ġdid ta' liċenzja u d-dispożizzjonijiet għal-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' liċenzja, klassifikazzjoni jew ċertifikat.

It-*Taqsima III* tinkludi dispożizzjonijiet għall-proċeduri tal-eżami tal-għarfien teoretiku.

58. AR.FCL hija bbażata l-aktar fuq ir-rekwiżiti preżenti għall-awtoritajiet relatati mal-ħruġ ta' liċenzji ta' organizzazzjonijiet tat-taħriġ u l-ekwipaġġ tat-titjira f'JAR-FCL. Abbażi tal-kummenti li tressqu u d-diskussjonijiet li saru mal-Istati Membri, l-iktar bidla sinifikanti kienet dik li saret fis-sistema għas-sorveljanza tal-eżaminaturi.

59. Ftit bidliet sinifikanti biss saru f'din is-Subparti. Ir-rekwiżit li jittratta l-proċeduri għall-ħruġ u l-validazzjoni mill-ġdid ta' liċenzja (AR.FCL.200) ġie emendat biex jindirizza l-awtorizzazzjoni ta' liċenzja mill-eżaminaturi. Dan jirrifletti aħjar il-bidliet li ġew indirizzati diġà fil-Parti-FCL u għandu jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti biex jawtorizzaw b'mod speċifiku ċerti eżaminaturi għal dan il-kompitu.

Il-maġġoranza tal-kummenti u r-reazzjonijiet li tressqu kienu jiffokaw fuq AR.FCL.205 (fit-Taqsima II) li tittratta s-sorveljanza tal-eżaminaturi. Fis-CRD, l-Aġenzija introduċiet lista ta' eżaminaturi li trid tiġi stabbilita mill-awtoritajiet, sabiex tappoġġja lill-awtoritajiet fis-sorveljanza. Meta jiġu kkunsidrati r-reazzjonijiet li tressqu u d-diskussjonijiet li saru mal-Istati Membri, l-Aġenzija żiedet obbligu għall-awtoritajiet biex jinkludu wkoll l-eżaminaturi li jkunu ċertifikati minn Stat Membru ieħor iżda li jkunu qed jeżerċitaw il-privileġġi tagħhom fit-territorju tagħhom. Barra minn dan, l-Aġenzija inkludiet dispożizzjoni (stabbilita diġà f'JAR-FCL) li teħtieġ li l-awtoritajiet għandhom jiżviluppaw proċeduri għall-ħatra ta' eżaminaturi għal ċerti testijiet tal-ħila.

60. Ta' min jenfasizza li l-kompitu biex tiġi stabbilita u ppubblikata lista ta' eżaminaturi u l-ħtieġa li jiġu organizzati laqgħat għall-eżaminaturi ċertifikati fi Stati Membri oħra kif ukoll il-kompiti amministrattivi relatati ma' dan għandu joħloq ċerti kompiti addizzjonali għall-awtoritajiet kompetenti.

Id-dispożizzjoni biex l-eżaminaturi jingħataw sett ta' kriterji ta' sikurezza li jridu jiġu osservati fit-testijiet tal-ħila u l-verifiki tal-profiċjenza nkitbet mill-ġdid biex tiċċara li din tkopri wkoll l-eżaminaturi li jkunu ċertifikati fi Stat Membru ieħor. Kompitu ta' tfassil ta' regoli futur għandu jindirizza din il-kwistjoni għal darb'oħra minħabba li ċerti elementi ta' dawn il-kriterji ta' sikurezza se jkunu jiffurmaw parti mill-manwal tal-eżaminatur, bħala riżultat ta' dan il-kompitu ta' tfassil ta' regoli.

61. Il-kwistjoni ewlenija relatata mar-rekwiżiti fit-Taqsima III kienet tittratta l-ħtieġa għal Bank Ċentrali Ewropew tal-Mistoqsijiet komuni, inkluż it-tabella ta' distribuzzjoni tal-mistoqsijiet u l-perjodu tal-eżami għal suġġetti speċifiċi. AR.FCL.300 ġiet emendata xi ffit biex tindirizza ċerti żbalji editorjali kif ukoll biex tiċċara l-mistoqsijiet relatati mal-Bank Ċentrali Ewropew tal-Mistoqsijiet.

62. Abbażi tar-reazzjonijiet li tressqu, il-format bażiku tal-liċenzja, il-Formola 141 tal-EASA, li issa qed tidher taħt l-Appendiċi I għall-Parti-AR, ġiet riveduta wkoll filwaqt li matul il-fażi ta' konsultazzjoni ġew introdotti diversi bidliet meta mqabbel mal-format tal-liċenzja f'JAR-FCL. Uħud minn dawn il-bidliet huma:

- il-format uniformi ma' liċenzji oħra Ewropej;
- iż-żieda tal-livell u d-data tal-validità għall-awtorizzazzjoni tal-profiċjenza fil-lingwa;
- aktar spazju għall-validazzjoni mill-ġdid tal-awtorizzazzjonijiet tal-profiċjenza fil-lingwa;
- spazju għal rimarki speċifiċi dwar il-liċenzja LAPL (mhux skont l-ICAO);
- iż-żieda ta' kolonna oħra għad-data tat-test tal-klassifikazzjoni ta' strument; u
- ringiela addizzjonali IVA għad-data tat-twelid (biex tkun skont l-Artikolu 5.1.1.2 tal-ICAO)

Kompitu ta' tfassil ta' regoli ieħor għandu jinbeda fi stadju aktar tard sabiex tiġi żviluppata lista ta' abbrevjazzjonijiet standardizzati (pereżempju, klassifikazzjonijiet, kategoriji ta' inġenji tal-ajru) u l-kombinazzjoni possibbli tagħhom. Din il-lista għandha tintuża għall-entrati fil-liċenzja u bħala gwida għall-awtoritajiet kompetenti u l-eżaminaturi dwar kif għandhom jinħarġu/jiġu validati mill-ġdid/jiġġeddu l-klassifikazzjonijiet fil-liċenzja.

Parti-AR Subparti CC

63. Din is-Subparti tissupplimenta r-rekwiżiti tas-Subparti GEN rigward l-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina u d-detenturi tagħhom. Din tespandi fuq ċerti rekwiżiti biex tindirizza l-ispeċifità tal-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina, kif previst bl-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 8(5)(e) tar-Regolament Bażiku. Din tinkludi:
- Taqsima I Attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina
 - Taqsima II Organizzazzjonijiet li jipprovdu taħriġ għall-ekwipaġġ tal-kabina jew li joħorġu attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina.
64. It-*Taqsima I* tiffoka fuq l-aspetti li huma relatati direttament mal-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina stess, bħalma huma ż-żewġ għażliet disponibbli għall-Istati Membri għall-ħruġ tagħha, il-format bażiku tal-EASA li għandu jintuża u s-sitwazzjonijiet li jistgħu jeħtieġu lill-awtorità kompetenti biex tiegħu miżuri fil-kompiti ta' infurzar tagħha skont kif japplika għall-persuni.
- It-*Taqsima II* tindirizza l-każ tal-organizzazzjonijiet li jistgħu jiġu approvati mill-awtorità kompetenti, taħt ċerti kundizzjonijiet, biex jipprovdu taħriġ għall-ekwipaġġ tal-kabina, u/jew biex joħorġu attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina. Ta' min isemmi li, bil-kuntrarju tal-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għall-ekwipaġġ tat-titjira, ir-Regolament Bażiku ma jipprovdiż bażi legali ċara għall-Aġenzija biex tispeċifika l-kriterji applikabbli għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-ekwipaġġ tal-kabina. Din hija r-raġuni għaliex ir-rekwiżiti nazzjonali rilevanti jibqgħu japplikaw sakemm jiġu żviluppatti ċerti kriterji f'livell Komunitarju.
65. L-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina hija differenti mill-attestazzjoni tat-taħriġ dwar is-sikurezza li fil-preżent hija meħtieġa mill-UE-OPS. Bħall-UE-OPS, din trid tinżamm minn kwalunkwe membru tal-ekwipaġġ tal-kabina li jkun involut f'operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru. Madankollu, bil-kuntrarju għall-attestazzjoni tal-UE-OPS, din trid tinżamm, u hemm kundizzjonijiet li jeħtieġu li din tista' tiġi emendata, ristretta, sospiża jew revokata. Ir-rekwiżiti diretti lejn id-detenturi ġew speċifikati f'Parti-CC separata.
66. L-Anness 1 u l-Anness 6 tal-ICAO ma jeħtieġux li l-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina ikollhom attestazzjoni, ċertifikat jew liċenzja. Madankollu, ftit Stati Membri tal-ICAO biss żviluppaw tali sistema. Pereżempju, diversi Stati Membri tal-UE għandhom rekwiżiti ta' ħruġ ta' liċenzji jew ċertifikazzjoni nazzjonali għall-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina li jissupplimentaw ir-rekwiżiti minimi tal-UE-OPS; il-FAA toħroġ Ċertifikat ta' Wiri ta' Profiċjenza lill-Persunal tat-Titjira tal-Istati Uniti li jkun involut f'operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru; l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Afrika t'Isfel (SACAA) teħtieġ u toħroġ liċenzji għall-ekwipaġġ tal-kabina.
67. Il-punti prinċipali li tqajmu fir-reazzjonijiet li tressqu rigward il-CRD, u r-reazzjonijiet relatati tal-Aġenzija, huma dawn li ġejjin:
- *Ir-rekwiżiti biex tinħareġ attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina fil-format il-ġdid tal-EASA*: il-perjodu ta' transizzjoni ta' 18-il xahar li kien propost fil-bidu ġie mtawwal għal 60 xahar, skont il-liċenzji tal-piloti konformi mal-JAR li jinħarġu minn Stat Membru qabel it-8 ta' April 2012 (ara l-Opinjoni "Regoli ta' Implimentazzjoni għall-kwalifika tal-ekwipaġġ tal-kabina involut f'operazzjonijiet kummerċjali" – Regolament ta' Kopertura, Artikolu 9b).
 - *L-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet biex joħorġu attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina f'isem l-awtorità kompetenti*: il-kompitu tal-ħruġ ta' attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina, jekk ikun deċiż hekk minn Stat Membru, jista' jitwettaq minn organizzazzjoni permezz ta' approvazzjoni li tagħti l-privileġġ biex jinħarġu tali attestazzjonijiet.

- *Ir-rekwiżit biex jitlesta taħriġ li jkun speċifiku għat-tip ta' inġenju tal-ajru qabel ma tinħareġ l-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina:* dan ir-rekwiżit għie revokat. Madankollu, il-kwalifika valida tat-tip ta' inġenju tal-ajru tibqa' fil-Parti-CC bħala kundizzjoni tal-użu tal-attestazzjoni mid-detentur.
- *In-nuqqas ta' kriterji jew standards komuni f'livell Komunitarju għall-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet tat-taħriġ għall-ekwipaġġ tal-kabina, għall-kwalifiki tal-għalliema u l-eżaminaturi u għall-apparat tat-taħriġ:* skont il-fehma komuni u l-ftehim fuq il-bażi legali mil-Leġiżlatur, l-Aġenzija qed tipproponi li tindirizza dawn il-punti f'kompitu ta' tfassil ta' regoli ieħor.

Parti-AR Subparti ATO

68. Is-Subparti AR.ATO tiddefinixxi r-rekwiżiti speċifiċi tal-awtorità għal organizzazzjonijiet ta' taħriġ approvati għal-ħruġ ta' liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira. Din tinkludi Taqsima waħda:

- Taqsima I Ġenerali

Is-Subparti AR.ATO tistabbilixxi r-rekwiżiti li jikkomplementaw ir-rekwiżiti ġenerali, bħal dawk li jikkonċernaw il-programm ta' sorveljanza għall-ATOs u s-sistema taż-żamma tar-rekords għal dejta relatata mal-ATO. AR.ATO hija bbażata prinċipalment fuq ir-rekwiżiti eżistenti għall-awtoritajiet li huma relatati mal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ u mal-ħruġ ta' liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira li huma inklużi f'JAR-FCL. Bi tweġiba għar-reazzjonijiet minn ċerti partijiet interessati l-Aġenzija tixtieq temfasizza li skont ir-regoli proposti l-ATOs, filwaqt li jkunu operaturi fis-sens tal-Artikolu 3(h) tar-Regolament Bażiku, mhumiex meħtieġa li jkollhom AOC.

69. Saru biss xi ftit bidliet sinifikanti. F'AR.ATO.105 il-punt prinċipali li tqajjem mill-partijiet interessati matul il-fażi ta' konsultazzjoni kien li l-użu ta' inġenju tal-ajru tat-taħriġ b'żewġ siġġijiet biss jista' ma jippermettix li jkun hemm kampjun biżżejjed ta' titjiriet ta' taħriġ. Dan għie kkunsidrat u t-test għie miktub mill-ġdid biex jiċċara dan il-punt.

Id-dispożizzjonijiet f'AR.ATO.120 dwar iż-żamma tar-rekords ġew emendati biex tiġi ċċarata t-terminoloġija użata għall-użu tal-FSTDs. Ta' min isemmi li għall-FSTDs, l-Aġenzija ddeċidiet li tniedi kompitu ġdid ta' tfassil ta' regoli sabiex tallinja r-regoli ta' implimentazzjoni kollha, CSs u AMCs mat-tielet edizzjoni tad-Dokument 9625 tal-ICAO.

Fis-CRD, l-Aġenzija infurmat lill-partijiet interessati li, peress li ċ-Ċertifikat Bażiku tal-Approvazzjoni ta' Organizzazzjoni tal-EASA mhux se jinżamm, se jiġi żviluppat Ċertifikat ta' Approvazzjoni ta' ATO separat. Il-bażi għal dan iċ-ċertifikat kienet il-Formola 153 tal-JAA, iċ-Ċertifikat ta' Approvazzjoni tal-FTO/TRTO u ċ-Ċertifikat ta' Approvazzjoni EASA.147 bl-Iskeda tal-Approvazzjoni mehmuża, li issa qed tissejjaħ l-"Approvazzjoni tal-Kors ta' Taħriġ".

B'reazzjoni għall-kummenti dwar l-Iskeda tal-Approvazzjoni ta' Kors ta' Taħriġ, l-approvazzjoni għall-ATO biex tuża FSTDs (li qabel kienet "l-approvazzjoni tal-utent") għiet inkorporata fil-Formola tal-Approvazzjoni tal-Kors mehmuża maċ-ċertifikat tal-ATO. Din l-approvazzjoni tal-kors teħtieġ li l-kors ta' taħriġ u l-FSTDs li jikkorrispondu jiġu elenkati.

Parti-AR Subparti FSTD

70. Is-Subparti AR.FSTD tiddefinixxi r-rekwiżiti speċifiċi tal-awtorità relatati mal-kwalifika tal-FSTDs. Din tinkludi Taqsima waħda:

- Taqsima I Ġenerali

AR.FSTD tiddekrivi r-responsabbiltajiet ewlenin tal-awtorità kompetenti li tikkwalifika u li tissorvelja l-funzjonament tal-FSTDs. Din tiddekrivi l-proċess ta' valutazzjoni sabiex jinħareġ ċertifikat ta' kwalifika ta' FSTD, inkluż il-proċedura tal-valutazzjoni tal-bidu u dik preżenti, il-kompożizzjoni tat-tim ta' valutazzjoni, il-valutazzjoni tas-sistema ta' sorveljanza tal-konformità ta' operatur ta' FSTD u l-ħruġ ta' ċertifikat ta' kwalifika. It-taqsima tkopri wkoll il-proċeduri li jridu jiġu segwiti f'każ ta' bidliet fl-FSTD kwalifikat jew jekk l-istandard meħtieġ għall-kwalifika ma jkunx jista' jinżamm mill-operatur.

AR.FSTD huwa bbażat fuq il-JAR-FSTD A u H u l-JIPs għal JAR-STD (inkluż fl-Amministrazzjoni u Materjal ta' Gwida tal-JAA, Taqsima Sitta: Tagħmir ta' Taħriġ Sintetiku (STD), Parti Tnejn: Proċeduri). Ma hemm l-ebda differenzi sinifikanti jew kompiti ġodda għall-awtoritajiet kompetenti meta mqabbel mar-regoli ta' qabel.

Żdiedet tabella għaċ-*"Ċertifikat tal-kwalifika għall-apparat ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir"* li telenka t-taħriġ, l-ittestjar u l-verifika biex permezz tagħha, id-detentur taċ-*ċertifikat tal-kwalifika* jkun jista' jipprova lil kwalunkwe utent tal-apparat b'informazzjoni li tkun approvata mill-awtorità kompetenti li tikkwalifika.

Parti-AR Subpartijiet AeMC u MED

71. AR.MED u AR.AeMC jiddefinixxu r-rekwiżiti speċifiċi relatati maċ-ċertifikazzjoni ajrumedika, li jikkomplementaw ir-rekwiżiti ġenerali fil-Parti-AR Subparti GEN. AR.AeMC u AR.MED, flimkien ma' OR.AeMC, jipprovdu s-sistema regolatorja għaċ-ċertifikazzjoni tal-AeMCs u l-eżaminaturi ajrumediċi (AMEs), in-notifikazzjoni tat-tobba mediċi (GMPs) u ċ-ċertifikazzjoni medika tal-piloti.

AR.AeMC tikkonsisti minn Taqsima waħda biss - "Ġenerali".

AR.MED tikkonsisti minn tliet Taqsimiet:

- Taqsima I Ġenerali
- Taqsima II Eżaminaturi ajrumediċi
- Taqsima III Ċertifikazzjoni medika

Is-Subparti AR.AeMC tinkludi wkoll il-format bażiku għall-iskeda tal-approvazzjoni taċ-ċentri ajrumediċi. AR.MED tintroduċi wkoll iċ-ċertifikat AeMC u ċ-ċertifikat mediku bażiku tal-EASA għall-piloti rispettivament.

72. Ma tqajmu l-ebda punti sinifikanti dwar l-AeMCs. It-tfassib ewlieni fis-Subparti MED kien il-paragrafu AR.MED.150 "Żamma tar-rekords": l-awtoritajiet kompetenti tal-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri għandhom iżommu l-fajls mediċi tal-piloti kollha li kienet inħarġitilhom il-liċenzja tagħhom minn dik l-awtorità (l-awtorità tal-liċenzja). Id-Direttiva Ewropea dwar il-protezzjoni tad-dejta tiġi implimentata b'mod differenti ħafna fl-Istati Membri u r-rilaxx tal-fajls mediċi għandu għaldaqstant jiġi trattat b'mod differenti fl-Ewropa. Għalhekk ir-reazzjonijiet dwar ir-rilaxx ta' rekords mediċi lill-istituti tar-riċerka mingħajr ma tkun żvelata l-identità tal-pilota, lill-maniġment tal-awtorità kompetenti, lil korpi ta' investigazzjoni (aċċidenti, sikurezza, pulizija) u "fi kwalunkwe ċirkostanzi oħra meta jkun meħtieġ skont il-Liġi Nazzjonali" ma ġewx miżjuda mar-regoli ta' implimentazzjoni iżda sejrjn jiġu inklużi f'AMC. Dan jagħti flessibilità biżżejjed lill-Istati Membri sabiex japplikaw il-liġijiet nazzjonali tagħhom dwar il-protezzjoni tad-dejta. Madankollu, il-paragrafu ġie emendat u r-reazzjonijiet li jikkonċernaw ir-rilaxx ta' dokumenti mediċi għal reviżjoni medika għall-ħruġ ta' ċertifikat mediku (għall-bord ta' reviżjoni medika, speċjalisti mediċi involuti fil-valutazzjonijiet) ġew inklużi. Dawn ir-rekords huma meħtieġa biex tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar l-adeqwatezza medika, li hija r-raġuni ewlenija biex l-awtoritajiet kompetenti jżommu għandhom fajls mediċi.

73. Ir-reazzjonijiet ta' Stat Membru wieħed rigward diversi paragrafi (AR.MED 120, 125, 150, 315 u 325) kienu jiffukaw fuq l-involvement tal-awtorità kompetenti/l-assessur mediku fil-proċess taċ-ċertifikazzjoni medika ta' pilota individwali, kif ukoll fuq il-fatt li, wara eżami u valutazzjoni ajrumedika, l-AMEs ikollhom jibagħtu r-rapporti sħaħ tal-eżami mediku tal-piloti kollha lill-awtorità fejn il-pilota jkollu il-liċenzja tiegħu/tagħha (l-awtorità tal-liċenzja). Ir-raġuni għal dawn ir-reazzjonijiet hija l-pożizzjoni ta' dak l-Istat Membru li l-ebda fajls mediċi m'għandhom jintbagħtu lill-awtorità kompetenti u l-adeqwatezza m'għandhiex tiġi vvalutata mill-assessur mediku tal-awtorità kompetenti meta l-pilota jkollu l-liċenzja tiegħu/tagħha (l-awtorità tal-liċenzja) iżda minn AME jew AeMC biss. Ma saru l-ebda tibdiliet fit-test minħabba li din il-kwistjoni ġiet solvuta fil-Parti-MED u r-regoli huma meħtieġa għall-Istati Membri l-oħra.

74. L-Appendiċi VI għall-Parti-AR jinkludi l-format taċ-ċertifikat mediku għall-piloti u d-deskrizzjoni tiegħu. Il-punt 13 tad-deskrizzjoni u l-entrata X fil-format taċ-ċertifikat ġew emendati għaliex iċ-ċertifikat mediku ma jistax jiġi ffirmat mill-GMP jew mill-assessur mediku fl-Istati Membri kollha. L-entrata fil-paġna 4 taċ-ċertifikat li tinkludi l-informazzjoni għall-AME dwar id-dati tat-testijiet "l-aktar riċenti" u dawk "li jmiss" (ECG, awdjogramma u oftalmoloġija) tneħħiet fuq talba ta' Stat Membru wieħed u l-ispazju ġie użat biex minflokha tiddaħħal MED.A.020. L-inklużjoni ta' "MED.A.020 Nuqqas fl-adeqwatezza medika" fiċ-ċertifikat mediku ġiet mitluba minn diversi Stati Membri. L-

Aġenzija hija tal-opinjoni li ċertifikat mediku għandu jagħti prova li l-pilota għamel l-eżami u l-valutazzjoni ajrumediċi rilevanti u li huwa ġie vvalutat bħala adegwat biex itir u mhux biex jinforma lill-pilota dwar l-obbligu tiegħu/tagħha fil-każ ta' nuqqas fl-adegwattza medika. Minkejja dan, ir-reazzjoni ġie aċċettata minħabba li din mhijiex kwistjoni ta' sikurezza u jidher li hija importanti għal diversi Stati Membri.

75. Ir-reazzjonijiet biex ċerti punti jiġu trasferiti minn AR.MED għal AR.GEN u minn OR.AeMC għal OR.GEN ma kinux aċċettati minħabba l-vertikalizzazzjoni mill-ġdid tal-istruttura tar-regoli. Skont l-istruttura l-ġdida, fil-fatt, se jkun meħtieġ li ċerti paragrafi jew jiġu trasferiti jew inkella jiġu kkuppjati minn AR.GEN għal AR.MED.

VII. Memorandum ta' spjegazzjoni Parti-OR

Ġenerali

76. Il-Parti-OR kif proposta ma' din l-Opinjoni tikkonsisti minn erba' Subpartijiet, li jerġgħu jinqasmu f'aktar Taqsimiet, u li għandhom kemm rekwiżiti ġenerali kif ukoll rekwiżiti speċifiċi għall-qasam għat-tipi differenti ta' organizzazzjonijiet:

- Il-Parti-OR Subparti GEN, rekwiżiti ġenerali, li hija kkumplementata bi:
 - Parti-OR Subparti ATO, rekwiżiti speċifiċi relatati ma' organizzazzjonijiet tat-taħriġ approvati;
 - Parti-OR Subparti FSTD, rekwiżiti speċifiċi għal organizzazzjonijiet li joperaw FSTDs u għall-kwalifika tal-FSTDs; u
 - Parti-OR Subparti AeMC, rekwiżiti speċifiċi relatati maċ-ċentri ajrumediċi.

Is-Subparti OR.FSTD, li ma kinitx inkluża fis-CRD, tinkorpora r-regoli ta' implimentazzjoni li qabel kienu inklużi bħala Taqsima III tas-Subparti ATO. Din il-bidla fl-istruttura tindirizza l-fatt li mhux l-operaturi kollha ta' FSTD huma organizzazzjonijiet tat-taħriġ approvati.

Il-Parti-OR Subparti GEN kif proposta mal-Opinjoni tinkludi żewġ Taqsimiet:


- Taqsima I Ġenerali
- Taqsima IISistema ta' ġestjoni.

Is-Subparti GEN tal-Parti-OR tiddefinixxi r-rekwiżiti li japplikaw b'mod komuni għall-organizzazzjonijiet kollha fil-qasam tal-ekwipaġġ tal-kabina u l-operazzjonijiet. Dawn jibnu fuq ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-CORa u l-istandards tal-ICAO relatati mal-SMS. Dawn jikkomplementaw ir-rekwiżiti tal-awtorità dwar il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, ir-restrizzjoni, is-sospensjoni u r-revoka ta' ċertifikati u approvazzjonijiet.

77. It-test propost fl-Opinjoni jirrifletti l-bidliet li saru fil-proposta tal-bidu tal-Aġenzija (kif ippubblikata f'NPA 2008-22c), kif ukoll il-bidliet l-oħra li saru wara l-analiżi u l-valutazzjoni tar-reazzjonijiet li saru għall-CRD. NPA 2009-02c kienet tinkludi r-rekwiżiti tal-organizzazzjoni li huma speċifiċi għall-operazzjonijiet (Parti-OR Subparti OPS). Dawn sejrjn jiġu inklużi mal-ewwel Opinjoni li trid tiġi ppubblikata dwar l-Operazzjonijiet tal-Ajru.

Konsultazzjoni


78. Il-paragrafi 23 ta' din in-nota ta' spjegazzjoni jinkludu informazzjoni ġenerali dwar ir-reazzjonijiet li saru għas-CRDs fir-rigward tal-Parti-AR u l-Parti-OR. It-tabella ta' hawn taħt turi d-distribuzzjonijiet tal-490 reazzjoni li ġew sottomessi għall-Parti-OR (CRD 2008-22c u 2009-02c), li minnhom 1/3 kienu dwar l-AMCs u l-GMs u 2/3 dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni.



Grafika 3: Reazzjonijiet għall-Parti-OR – distribuzzjoni

Regolament ta' Kopertura;
oñrajn (kummenti ġenerali)

79. Indikazzjoni dwar l-oriġini tar-reazzjonijiet qed tingħata hawn taħt. Meta wieħed jikkunsidra li r-reazzjonijiet li joriġinaw mill-assoċjazzjonijiet tar-rappreżentanti tal-industrija normalment jintbagħtu f'isem il-membri individwali tagħhom, wieħed jassumi li s-sehem globali tal-industrija huwa sottorappreżentat f'din il-grafika.



Grafika 4: Reazzjonijiet għall-Parti-OR – oriġini

Industrija u assoċjazzjonijiet
Unjins
Individwi

Il-punti prinċipali li tqajmu fir-reazzjonijiet għall-CRD huma indirizzati fil-paragrafi li ġejjin.

Ambitu u applikabbiltà

80. Il-Parti-OR kif proposta ma' din l-Opinjoni tapplika għall-approvazzjoni u s-sorveljanza ssuktata tal-ATOs u l-AeMCs, għall-kwalifika tal-FSTDs u l-konformità kontinwata mar-rekwiżiti applikabbli għall-organizzazzjonijiet awtorizzati u d-detenturi taċ-ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD. Is-Subparti GEN tal-Parti-OR tiddefinixxi r-rekwiżiti tal-organizzazzjoni li japplikaw b'mod ġenerali għall-organizzazzjonijiet awtorizzati u d-detenturi kollha taċ-ċertifikat tal-FSTD²⁸ fil-qasam tal-ħruġ ta' liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira u l-operazzjonijiet. Dawn jikkumplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Parti-AR dwar il-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, ir-restrizzjoni, is-sospensjoni u r-revoka ta' ċertifikati u approvazzjonijiet. Il-Parti-OR tiddefinixxi wkoll ir-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni komuni li tinkludi s-sorveljanza tal-konformità u l-ġestjoni tas-sikurezza.

Regolament ta' Kopertura – punti rilevanti għall-Parti-OR

81. Ir-Regolament ta' Kopertura jinkludi proposta għal dispożizzjonijiet transizzjonali u esklużjonijiet, biex jiġu kkunsidrati b'mod speċifiku d-dispożizzjonijiet il-ġodda rigward is-sistemi ta' ġestjoni tal-organizzazzjonijiet regolati, kif stabbilit f'OR.GEN.200. Dawk id-dispożizzjonijiet jimplimentaw il-prinċipji tal-ġestjoni tas-sikurezza li ġew żviluppati mill-ICAO, li tikkonferixxi fuqhom l-istatus ta' rekwiżiti ġodda, għalkemm ir-rekwiżiti li japplikaw bħalissa fl-Istati Membri tal-EASA diġà jimplimentaw uħud minn dawk id-dispożizzjonijiet. B'mod partikolari, is-sistemi tal-ġestjoni tal-kwalità (QMS) u tal-assigurazzjoni tal-kwalità (QA) diġà ġew implimentati għal bosta snin mill-operaturi soġġett għall-UE-OPS u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ approvati skont id-dispożizzjonijiet tal-JAR-FCL. Pereżempju, l-operaturi tat-trasport kummerċjali bl-ajru (CAT), meta japplika UE-OPS 1.037, diġà jwettqu diversi attivitajiet li huma meħtieġa għall-ġestjoni tas-sikurezza.
82. Filwaqt li tikkunsidra dan il-punt, l-Aġenzija tqis li l-organizzazzjonijiet li jkunu konformi mal-UE-OPS, il-JAR-OPS 3, il-JAR-FCL jew il-JAR-STD għandhom igawdu mill-validità kontinwata taċ-ċertifikati tal-organizzazzjoni tagħhom minn wara d-data tal-applikabbiltà tar-Regolament il-ġdid ("*grandfathering*"), minħabba li dawn l-organizzazzjonijiet għandhom ikunu f'pożizzjoni li jimplimentaw ir-rekwiżiti li jifdal tas-sistema ta' ġestjoni mingħajr l-ebda piż sinifikanti. Ta' min jinnota li l-konformità ma' dawk l-elementi xorta waħda tibqa' teħtieġ li r-responsabbiltajiet, il-funzjonijiet u l-proċeduri rilevanti jibqgħu fis-seħħ sakemm jibdeu japplikaw ir-regoli l-ġodda. Madankollu, il-prova li l-proċessi kollha huma effettivi tista' tiġi stabbilita biss wara ċertu żmien, meta tkun inġabret dejta biżżejjed biex titwettaq ġestjoni tar-riskju tas-sikurezza effettiva.
83. F'NPA 2008-22, ġie ppreżentat pjan ta' implimentazzjoni ta' SMS. Dan qed jitħalla barra fil-verżjoni finali tar-regola proposta, minħabba li din kienet dispożizzjoni mhux permanenti. Din issuġġeriet li SMS setgħet tiġi implimentata f'perjodu ta' sentejn. Għal din il-proposta ma tressqu l-ebda kummenti matul il-proċess ta' konsultazzjoni. L-Aġenzija għalhekk tassumi li dan kien perjodu ta' żmien xieraq u qed tipproponi li jingħata perjodu ta' sentejn biex jiġu konklużi s-sejbiet tal-livell 2 li jirriżultaw mid-differenzi tad-dispożizzjonijiet il-ġodda. Meta wieħed jikkunsidra t-tħassib imfisser minn ċerti Stati Membri, l-Aġenzija neħħiet il-proposta magħmula fl-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Kopertura tal-Parti-OR li ġiet ippubblikata mal-CRD, li kienet għal pjan ta' implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni li kellha tiġi miftiehma bejn l-organizzazzjoni u l-awtorità kompetenti. Wieħed jassumi li l-promozzjoni ta' implimentazzjoni ta' SMS mill-Istati Membri hija parti mill-implimentazzjoni tal-Programmi tas-Sikurezza tal-Istat tagħhom.
84. Il-konformità mar-regola trid tiġi assicurata meta din tkun applikabbli. Madankollu, irid ikun hemm żmien biżżejjed biex tiġi implimentata sistema li jkollha fil-mira l-konformità

²⁸ Id-detenturi ta' ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD iridu jimplimentaw sistema ta' ġestjoni skont il-Parti-OR, sabiex tinżamm il-validità taċ-ċertifikat(i) tal-kwalifika tal-FSTD tagħhom.

tas-sorveljanza u li tiddokumenta l-proċeduri applikabbli, inkluż il-ħatra tal-persunal meħtieġ. Għalhekk, l-organizzazzjonijiet li ma jistgħux igawdu mill-użu ta' QMS li kienet teżisti qabel, b'mod partikolari jekk dawn għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' ċertifikazzjoni għall-ewwel darba għandhom jingħataw żmien biżżejjed biex jimplimentaw ir-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni ġdida. L-Aġenzija għalhekk tipproponi li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jipposponu l-applikabbiltà għal daww l-organizzazzjonijiet li mhumiex koperti mill-JARs li kienu japplikaw qabel. Għalhekk, l-applikazzjoni tar-regola għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li bħalissa mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' ċertifikazzjoni skont JAR-FCL ("faċilitajiet reġistrati") tista' tiġi ttardjata sa perjodu ta' 3 snin.

85. Fl-aħħar nett, l-Aġenzija tipproponi perjodu ta' esklużjoni ġenerali ta' 6 xhur għal ATOs li jkunu konformi mal-JAR u l-AeMCs li jkunu konformi mal-JAR, biex ikunu kkunsidrati l-effetti tad-deċiżjoni biex tinbidel l-istruttura tar-regoli. Din il-bidla fl-istruttura tar-regoli għandha twassal għal bidliet fir-referenzi individwali tar-regoli, kif ukoll għal ċerti adattamenti fil-kontenut tar-regoli li jirriżultaw mid-distribuzzjoni tal-Parti-AR u l-Parti-OR f'kull regolament tekniku.

86. Il-miżuri ta' tranżizzjoni proposti fl-Artikolu 10 qed jidhru fil-qosor fit-tabella t'hawn taħt:

Artikolu	Suġġett	Deskrizzjoni
10(2)(a)	Organizzazzjonijiet tat-taħriġ u ċentri ajrumediċi approvati konformi mal-JAR	L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Parti-AR u l-Parti-OR sa mhux aktar tard mit- 8 ta' Ottubru 2013
10(2)(b)	Organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jipprovdu taħriġ biss għal-liċenzja ta' pilota ta' ingenu tal-ajru ħafif, liċenzja ta' pilota privat, liċenzja ta' pilota ta' ballun jew liċenzja ta' pilota ta' <i>sailplane</i>	L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Parti-AR u l-Parti-OR sa mhux aktar tard mit- 8 ta' April 2015
10(2)(c)	Organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jipprovdu taħriġ għall-klassifikazzjonijiet tat-test tat-titjira skont FCL.820	L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Parti-AR u l-Parti-OR sa mhux aktar tard mit- 8 ta' April 2015 (biex ikunu allinjati mal-Parti-FCL)
10(2)(d)	Detenturi taċ-ċertifikat ta' FSTD, li ma jkunux organizzazzjoni tat-taħriġ approvata	L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet ta' OR.GEN.200 (a)(3) sa mhux aktar tard mit- 8 ta' April 2015

Tabella 3: Farsa ġenerali lejn l-esklużjonijiet proposti

Definizzjonijiet rilevanti għall-Parti-OR

87. Id-definizzjoni ta' "post prinċipali tan-negozju" sabiex tkun stabbilita l-awtorità kompetenti issa hija allinjata mad-definizzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni)²⁹, li huwa dak adottat għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 mar-Regolament li

²⁹ Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) *ĠU L 293, il-31.10.2008, p. 3-20.*

jemenda (KE) Nru 127/2010³⁰. Dan jgħodd għall-fatt li kumpaniji tal-ajru liċenzjati jeħtieġ li jiġu approvati skont is-Subparti G tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 "Parti-M" bħala parti mill-AOC tagħhom. Id-definizzjoni tassumi li l-funzjonijiet finanzjarji prinċipali u l-kontroll tal-operat ta' organizzazzjoni jinstabu fl-istess Stat Membru. Filwaqt li tirrikonoxxi l-benefiċċji li jiġu adottati definizzjonijiet komuni għal Regolamenti differenti, l-Aġenzija hija tal-opinjoni li d-definizzjoni meħuda mir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 sejra toħloq problemi ta' implimentazzjoni. Għalhekk hija tirrakkomanda reviżjoni ta' din id-definizzjoni għar-Regolamenti kollha tal-EASA kkonċernati, inkluż ir-Regolamenti dwar l-adeqwatezza tal-avjazzjoni. Din ir-reviżjoni għandha tikkunsidra l-post tal-ġestjoni teknika tal-organizzazzjoni rigward l-attività approvata skont ir-Regolament Bażiku u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu bħala l-kriterju prinċipali biex jiġi stabbilit il-post ewlieni tan-nejozju ta' organizzazzjoni, għall-finijiet li tiġi stabbilita l-awtorità kompetenti.

Parti-OR Subparti GEN Taqsima I – Ġenerali

88. Ir-regoli ta' implimentazzjoni fit-Taqsima I jinkludu rekwiżiti ġenerali għall-organizzazzjonijiet fil-qasam kemm tal-operazzjonijiet kif ukoll tal-ħruġ ta' liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw iċ-ċertifikazzjoni tal-bidu u s-sorveljanza. Dawn jiffurmaw il-kontroparti għar-rekwiżiti tal-awtorità li jikkorrispondu fil-Parti-AR Subparti GEN Taqsimiet I u III. Dawn huma bbażati fuq ir-rekwiżiti ta' livell għoli previsti fir-Regolament Bażiku. Skont il-bidliet li saru f'AR.GEN, ġew miżjuda żewġ paragrafi b'regoli ġodda biex jintroduċu r-rekwiżiti tal-organizzazzjoni relatati mal-azzjonijiet li jridu jittieħdu għar-reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza (OR.GEN.155), kif ukoll dawk relatati mar-rapportar ta' okkorrenzi (OR.GEN.160). Il-paragrafu OR.GEN.155 ġdid jintroduċi r-rekwiżit biex l-organizzazzjonijiet ikunu konformi mad-Direttivi dwar l-Ajrunavigabilità u s-Sikurezza li nħarġu mill-Aġenzija, b'din tal-aħħar tirriżulta mill-kompitu ta' tfassil ta' regoli 21.039 "Dejta dwar l-Adattabilità tal-Operat".

Ref. Parti-OR	Titolu	AR li jikkorrispondi
OR.GEN.105	Awtorità kompetenti	m/a
OR.GEN.115	Applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni	AR.GEN.310(a)
OR.GEN.120	Mezzi ta' konformità	AR.GEN.120
OR.GEN.125	Termini ta' approvazzjoni u privileġġi ta' organizzazzjoni	AR.GEN.310(b)
OR.GEN.130	Tibdiliet fl-organizzazzjonijiet	AR.GEN.330
OR.GEN.135	Validità kontinwata	AR.GEN.310(b)
OR.GEN.140	Aċċess	Regolament ta' Kopertura Artikolu 4(5)
OR.GEN.150	Sejbiet	AR.GEN.350
OR.GEN.155	Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza	AR.GEN.135
OR.GEN.160	Rappurtar ta' okkorrenza	AR.GEN.135

Tabella 4: Korrispondenza bejn AR.GEN u OR.GEN

³⁰ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 127/2010 tal-5 ta' Frar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru [navigabbiltà] ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (Test b'rilevanza għaż-ŻEE); ĠU L 40, it-13.2.2010, p. 4-50.

89. OR.GEN.115 tiddefinixxi l-proċess tal-applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni. Meta ġew ikkunsidrati l-kummenti tan-NPA mill-partijiet interessati, il-proposta għal ċertifikat ta' organizzazzjoni wieħed imressqa ma' NPA 2008-22c ma ġietx miżmuma, u fl-istess waqt ma ġiet proposta l-ebda applikazzjoni bażika mal-Parti-OR. Dwar il-punt tal-aħħar, l-Istati Membri fissru t-tħassib tagħhom dwar l-impatti li tiġi imposta formola ta' applikazzjoni bażika fuq sistemi amministrattivi differenti li huma diġà fis-seħħ taħt ir-regoli li japplikaw fil-preżent. Dwar il-punt tal-kunċett "ċertifikat wieħed", l-Aġenzija tikkunsidra li l-għanijiet prinċipali tagħha jistgħu jinkisbu mingħajr ma jiġi impost il-ħruġ ta' ċertifikat ta' organizzazzjoni uniku: iċ-ċertifikat, li huwa sempliċement l-"attestazzjoni" tal-proċess ta' ċertifikazzjoni, jista' jkun fil-forma ta' dokument uniku jew inkella ta' dokumenti differenti. L-aspett ewlieni huwa li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu sorveljanza bl-iktar mod effiċjenti għal organizzazzjonijiet li jkollhom diversi approvazzjonijiet³¹. F'dak ir-rigward, ir-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni komuni applikabbli għat-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet huma essenzjali.
90. OR.GEN.120 tiddefinixxi l-proċess għall-approvazzjoni ta' mezzi alternattivi ta' konformità, li japplika għal organizzazzjonijiet li jkollhom ċertifikat taħt il-Parti-OR, inkluż organizzazzjonijiet approvati u detenturi ta' ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD. Matul il-proċess ta' konsultazzjoni tfisser tħassib dwar il-mezzi alternattivi ta' konformità użati minn organizzazzjonijiet li jkunu soġġetti għall-obbligu ta' dikjarazzjoni biss. L-Aġenzija tinnota li ma hemm l-ebda bażi legali fir-Regolament Bażiku biex tali organizzazzjonijiet isegwu l-istess proċess ta' approvazzjoni għal mezzi alternattivi ta' konformità kif jgħodd għal organizzazzjonijiet iċċertifikati. L-approvazzjoni ta' mezzi alternattivi ta' konformità tista' teżisti biss meta din tkun mehmuża ma' ċertifikat jew approvazzjoni, meta tali mezzi ta' konformità jiġu kkunsidrati bħala parti mill-bażi biex tingħata l-approvazzjoni. Madankollu, għal organizzazzjonijiet li jkunu soġġetti għal obbligu ta' dikjarazzjoni, il-proċess ta' approvazzjoni japplika għal mezzi alternattivi ta' konformità għal AMC li tkun relatata direttament ma' kwalunkwe approvazzjoni speċifika li tali organizzazzjonijiet jista' jkollhom taħt il-Parti-SPA. Rigward il-possibbiltà għal organizzazzjonijiet professjonali jew korpi ta' rappreżentanti tal-partijiet interessati li ma jkollhomx ċertifikat ta' organizzazzjoni skont ir-Regolament Bażiku u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu biex jużaw mezzi alternattivi ta' konformità, mhemm l-ebda hteġġa biex tali organizzazzjonijiet jagħmlu talba għall-approvazzjoni ta' tali mezzi alternattivi, sakemm ma jibqgħux jiddependu aktar mill-obbligu ta' konformità taħt ir-Regolament Bażiku u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu.
- Bi tweġiba għar-reazzjonijiet mill-partijiet interessati tal-industrija, l-Aġenzija sejra tnedi kompitu ieħor ta' tfassil ta' regoli biex tipprovdi metodoloġija dwar kif għandu jiġi ppruvat li l-għan tas-sikurezza tar-regola ta' implimentazzjoni ġie sodisfatt meta ssir applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' mezzi alternattivi ta' konformità.
91. F'OR.GEN.130 "Bidliet fl-organizzazzjoni soġġett għal ċertifikazzjoni" it-tip ta' bidliet li jeħtieġu l-approvazzjoni minn qabel rigward is-sistema ta' ġestjoni ta' organizzazzjoni qed ikunu speċifikati f'aktar dettall, sabiex jittaffa l-piż fuq l-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet: f'termini ta' sistema ta' ġestjoni, it-tibdiliet li jeħtieġu l-approvazzjoni minn qabel issa qegħdin jiġu definiti b'mod aktar speċifiku bħal dawk li jaffettwaw il-linji ta' responsabbiltà u kontabbiltà u/jew il-politika ta' sikurezza. Il-proposta tal-Aġenzija għal OR.GEN.130, flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-AR li jikkorrispondu, filwaqt li fis-sustanza tagħhom ma jvarjawx wisq mill-kunċetti ta' "approvazzjoni indiretta" jew "bidliet aċċettabbli għall-awtorità kompetenti", tipprovdi flessibbiltà: wara ċ-ċertifikazzjoni tal-bidu, organizzazzjoni tista' tiftiehem mal-awtorità kompetenti tagħha dwar l-ambitu tal-bidliet li ma jkunux jeħtieġu approvazzjoni minn qabel, fil-limiti stabbiliti f'OR.GEN.130. Hekk kif l-organizzazzjoni "timmatara", l-ambitu

³¹ Il-kriterji għall-punti ta' verifika ta' "kreditjar" għas-sorveljanza ta' organizzazzjonijiet li jkollhom iktar minn approvazzjoni waħda se jiġu provduti mal-AMCs għal AR.GEN.305.

ta' tali bidliet jista' jiġi estiż, sakemm dawn jibqgħu fil-limiti stabbiliti fil-livell ta' regoli ta' implimentazzjoni.

92. L-awtoritajiet kompetenti ta' diversi Stati Membri kkummentaw dwar il-kunċett ta' validità mhux limitata ta' ċertifikati, fejn fessru t-tfassib tagħhom dwar in-nuqqas possibbli ta' kontroll effettiv li jista' jkun hemm fejn ikun hemm ċertifikati mingħajr skadenza. L-Aġenzija tinnotta li l-validità mhux limitata ta' ċertifikati issa ġiet aċċettata sew fil-qasam tal-ajrunavigabbiltà. Il-validità kontinwata ta' ċertifikati ta' organizzazzjoni tiddependi mis-sorveljanza kontinwa tal-awtorità kompetenti. Il-proposta tal-Aġenzija tipromwovi proċess kontinwu ta' sorveljanza permezz ta' verifiki, reviżjonijiet u spezzjonijiet f'intervalli li jiġu stabbiliti fuq il-bażi tar-riżultat tas-sorveljanza tal-passat u billi jiġu kkunsidrati l-elementi ta' riskju. Fil-każ ta' ċertifikati b'validità limitata, l-awtoritajiet kompetenti jista' jkollhom it-tendenza li jittardjaw il-verifiki u l-ispezzjonijiet sa ftit qabel ma jiskadi ċ-ċertifikat. Il-Parti-AR tipprova l-elementi meħtieġa għall-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu azzjoni fuq ċertifikat fi kwalunkwe mument jekk ikun meħtieġ, f'każ ta' sejbiet li jpoġġu s-sikurezza f'periklu serju. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jieħdu azzjoni ta' infurzar billi japplikaw penali, kif stabbilit fir-regoli nazzjonali tagħhom li jimplementaw l-Artikolu 68 tar-Regolament Bażiku.
93. Regola ta' implimentazzjoni ġdida OR.GEN.160 "Rapportar ta' okkorrenzi" ġiet inkluża sabiex tiddefinixxi r-rekwiżiti ta' rapportar, inkluż ir-rapportar lill-organizzazzjoni responsabbli għad-diżinn tal-inġenju tal-ajru, lill-organizzazzjonijiet kollha li huma soġġetti għall-Parti-OR. It-test huwa bbażat fuq ir-rekwiżiti eżistenti previsti fir-regoli tal-ajrunavigabbiltà. L-okkorrenzi li jridu jiġu rrapportati huma dawk li effettivament jpoġġu fil-periklu l-funzjonament bla periklu ta' inġenju tal-ajru, bil-kuntrarju tal-perikli għas-sikurezza tal-avjazzjoni li jridu jiġu ġestiti bħala parti mill-iskema interna ta' rapportar ta' okkorrenzi, koperta b'OR.GEN.200(a)(3). Biex jiġu kkunsidrati ir-reazzjonijiet tal-CRD, ir-rekwiżiti ġew riveduti: ir-rapporti tal-bidu, li jridu jiġu sottomessi fi żmien 72 siegħa minn mindu l-organizzazzjoni tkun identifikat l-okkorrenza, mhemmx għalfejn jinkludu dettalji dwar l-azzjonijiet li l-organizzazzjoni tkun beħsiebha tiegħu biex tevita r-rikorrenza, minħabba li biex jiġu stabbiliti tali azzjonijiet jista' jkun meħtieġ aktar żmien.

Parti-OR Subparti GEN Taqsima II – Sistema ta' ġestjoni

94. L-Aġenzija qed tipproponi li tiddedika Taqsima speċifika dwar ir-rekwiżiti tal-organizzazzjoni ġenerali li huma relatati mas-sistemi ta' ġestjoni tal-organizzazzjonijiet. Dawn ir-rekwiżiti jirriżultaw l-aktar minn dawk li jeżistu diġà fl-istandards applikabbli, bħalma huma l-JARs. Dawn ikopru l-ħtieġa li jkun hemm persunal ikkwalifikat u b'mod partikolari persuni speċifiċi li jkunu responsabbli biex jiżguraw li l-organizzazzjoni tkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli. Ir-rekwiżiti eżistenti jkopru wkoll il-ħtieġa li jkun hemm faċilitajiet xierqa biex jitwettqu l-kompiti meħtieġa kif ukoll il-ħtieġa li jinżammu r-rekords tal-attivitajiet kollha mwettqa skont ir-regoli applikabbli.
95. Din it-taqsima speċifika hija wkoll il-post adattat biex jiġu implimentati l-istandards tal-ICAO dwar is-sistemi tal-ġestjoni tas-sikurezza (SMS)³². L-Aġenzija temmen li dawn m'għandhomx jiġu implimentati permezz ta' rekwiżit ta' sistema ta' ġestjoni addizzjonali li jiġi impost fuq ir-regoli eżistenti, kemm jekk dawn ikunu relatati ma' finanzi, kwalità jew kwalunkwe materja oħra ta' tħassib għall-manijer ta' organizzazzjoni. Li tiġi imposta sistema ta' ġestjoni ta' sikurezza li tkun separata mill-oħrajn jista' jitqies bħala sempliċement rekwiżit preskrittiv addizzjonali, bir-riskju li organizzazzjonijiet jistgħu jfittxu li jissodisfaw lill-awtorità kompetenti tagħhom billi juru li huma żiedu fl-organizzazzjoni tagħhom l-elementi preskrittivi meħtieġa kollha. Dan ma jappoġġjax l-implimentazzjoni tar-regoli bbażati fuq il-prestazzjoni, kif għamlet l-ICAO biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-prinċipji tas-SMS.
96. Bil-kuntrarju, l-Aġenzija tipproponi li telenka l-elementi li l-organizzazzjonijiet għandhom jindirizzaw. Għalhekk, ir-rekwiżiti proposti huma bbażati fuq l-idea li s-sikurezza, kif ukoll il-konformità mar-regoli, għandhom ikunu ta' importanza għall-persunal kollu u għall-attivitajiet kollha tal-organizzazzjoni. Għalhekk, ir-rekwiżiti ġew ippreżentati b'tali mod li jippermetti lill-organizzazzjoni biex tapplikahom bil-mod kif hija tikkunsidra bħala xieraq, filwaqt li tikkunsidra l-mudell tan-negozju tagħha. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti għandhom jippermettu l-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni integrata fejn is-sikurezza tkun parametru li jrid jiġi kkunsidrat ma' kull deċiżjoni, aktar milli jkun hemm it-tqegħid ta' sistemi ta' ġestjoni differenti ħdejn xulxin. Il-ġestjoni integrata tippermetti lil manijers biex jirrikonoxxu u jikkunsidraw l-influenzi sinifikanti kollha fuq l-organizzazzjoni tagħhom, bħalma huma d-direzzjoni strateġika tan-negozju tagħhom, il-liġijiet u l-istandards rilevanti, politiki interni u kultura, riskji u perikli, il-ħtiġijiet ta' riżorsi u l-ħtiġijiet ta' dawk li jistgħu jkunu affettwati minn kwalunkwe aspekk tal-operat ta' organizzazzjoni.
97. F'termini ta' sistemi tal-kwalità, l-Aġenzija qed tipproponi li żżomm dak li r-regolatur huwa tabilħaqq interessat fih meta jitlob lill-organizzazzjonijiet biex jimplementaw sistema tal-kwalità: il-konformità mar-regoli. Fil-fatt, sistema tal-kwalità tista' tintuża biex tissodisfa settijiet differenti ta' rekwiżiti. L-Aġenzija temmen li huwa meħtieġ li s-sorveljanza tal-konformità tkun meħtieġa bħala parti mir-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni. Ir-rekwiżiti proposti, għalhekk, joffru l-kapaċità li jiġu implimentati l-istandards tas-SMS tal-ICAO, mingħajr ma l-organizzazzjoni tkun obligata tbiddel il-mudell tan-negozju tagħha.
98. Għalkemm differenti fil-formolazzjoni tal-kliem, mhux biss ir-rekwiżiti proposti huma konformi mal-ICAO, iżda l-proposta tal-Aġenzija tista' sservi wkoll bħala mudell li l-ICAO għandha ssegwi. Fil-fatt, is-37 Assemblea tal-ICAO, li saret f'Settembru/Ottubru 2010, ikkonfermat il-ħolqien ta' Anness ġdid li jitratta l-ġestjoni tas-sikurezza. Dan jinkludi l-istandards relatati mal-programm tas-sikurezza meħtieġ mill-awtoritajiet u jista' jinkludi l-istandards ġenerali tas-SMS li japplikaw għall-organizzazzjonijiet kollha, fejn b'hekk jiġi segwit il-metodu tas-sistema totali propost mill-EASA fin-NPA tagħha dwar ir-Rekwiżiti

³² Anness 1 Appendiċi 4 tal-ICAO / Anness 6 Appendiċi 7 tal-ICAO "Qafas għal Sistemi ta' Ġestjoni tas-Sikurezza".

tal-Awtorità u l-Organizzazzjoni. Ir-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni, kif proposti, japplikaw għal diversi organizzazzjonijiet, minkejja d-daqs, in-natura jew il-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom u minkejja l-mudell ta' negozju li jkunu jixtiequ japplikaw, fejn b'hekk jiżguraw l-applikazzjoni proporzjonata tagħhom.

99. L-Aġenzija tipproponi wkoll li, f'każ li organizzazzjoni tikkuntratta parti mill-attivitajiet tagħha soġġett għal dawn ir-rekwiżiti proposti, din għandha żżomm ir-responsabbiltajiet tal-konformità mar-regoli applikabbli. Dan hu meħtieġ sabiex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet jibqgħu responsabbli b'mod sħiħ għal dawk l-attivitajiet li huma soġġetti għal ċertifikazzjoni.
100. Ir-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni qed ikunu proposti biex japplikaw għall-organizzazzjonijiet kollha koperti minn dawn ir-Rekwiżiti tal-Organizzazzjoni proposti. Meta fasslet ir-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni, l-Aġenzija vverifikat dak li kien japplika diġà għall-organizzazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà tal-bidu u kontinwata sabiex tivverifika l-kompatibilità ma' dawk, filwaqt li żammet il-kliem ta' dawk ir-regoli li huma fis-seħħ meta kien possibbli. Madankollu, l-Aġenzija beħsiebha tipproponi regoli li jimplimentaw l-istandards tas-SMS tal-ICAO għal tipi oħra ta' organizzazzjonijiet fil-futur. Safejn hu possibbli, l-Aġenzija sejra tkompli taħdem biex iżżomm ir-rekwiżiti kemm jista' jkun l-istess għal dawk proposti f'dawn ir-Rekwiżiti tal-Organizzazzjoni. Dan għandu jiffaċilita l-implimentazzjoni ssimplifikata tal-istandards tal-ICAO, b'mod partikolari għal dawk l-organizzazzjonijiet li l-attivitajiet tagħhom ikopru diversi setturi ajrunawtiċi.
101. Fejn huwa meħtieġ, ir-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni huma kkumplimentati bir-rekwiżiti li jikkorrispondu għal tipi speċifiċi ta' organizzazzjonijiet sabiex ma jinbidlux ir-rekwiżiti li bħalissa qed ikunu segwiti minn dawn it-tipi speċifiċi ta' organizzazzjonijiet (pereżempju, dawk li jikkonċernaw perjodu ta' żmien miftiehem diġà għaż-żamma tar-rekords).
102. Meta fasslet dawk ir-rekwiżiti proposti, l-Aġenzija ħadmet biex tiżgura l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti li japplikaw għal diversi tipi ta' organizzazzjonijiet. Għalhekk, l-Aġenzija studjat ir-rekwiżiti stabbiliti f'JAR-FCL 1, 2 u 3, fl-UE-OPS, fl-AMCs u l-GMs għal JAR-OPS 1 u f'JAR-OPS 3. Dawk l-istandards kienu jinkludu r-rekwiżiti li kellhom jiġu segwiti mill-organizzazzjonijiet fl-ambitu tar-Rekwiżiti tal-Organizzazzjoni proposti. Imbagħad, sabiex tiżgura l-konsistenza ġenerali, l-Aġenzija studjat ir-rekwiżiti rilevanti previsti fir-regoli ta' implimentazzjoni li japplikaw diġà għall-organizzazzjoni tal-ajrunavigabbiltà. L-Aġenzija wara pproponiet, fin-NPA tagħha, il-kliem li deher li huwa l-aktar adattat għall-organizzazzjonijiet kollha, b'dan jiġi kkumplementat, fejn meħtieġ, bir-rekwiżiti għal tipi speċifiċi ta' organizzazzjonijiet.
103. L-Aġenzija kkompletat dawk ir-regoli proposti ma' regoli oħra bbażati fuq l-istandards tal-ICAO li ma kinux għadhom ġew introdotti fl-istandards elenkati fil-paragrafu preċedenti. Dan huwa l-każ għar-rekwiżiti tas-SMS tal-ICAO, pereżempju.
104. Matul il-fażi ta' konsultazzjoni, l-Aġenzija spjegat fid-dettall il-proċess segwit li wassal għar-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni proposta. Il-kummenti tal-bidu tal-partijiet interessati żvelaw li r-regoli proposti ma ġewx mifhuma kompletament. Għalhekk, l-Aġenzija, megħjuna mill-grupp ta' revizzjoni rrevediet it-test propost bil-għan li tiċċarah iżjed.
105. F'dan ir-rigward, fis-CRD, l-Aġenzija tat dettalji dwar kif l-istandards tas-SMS tal-ICAO ġew traskritti f'dawn ir-regoli. L-intenzjoni kienet li jkun hemm tweġiba għat-tħassib li l-Aġenzija pproponiet rekwiżiti li kienu differenti mill-istandards tal-ICAO. Mir-reazzjonijiet li rċeviet, l-Aġenzija għarfet li dan kien apprezzat ħafna u kien mifhum b'mod ġenerali. B'mod partikolari, il-partijiet interessati għarfu li l-Aġenzija beħsiebha tipproponi AMCs ġodda, fil-futur, biex tgħin lill-partijiet interessati jwettqu l-proċessi meħtieġa li huma mistennija għall-ġestjoni tas-sikurezza. Pereżempju, minħabba li l-Aġenzija qed tikkollabora ma' awtoritajiet kbar u mal-ICAO dwar kif għandha tiġi mkejla l-prestazzjoni tas-sikurezza, din se tipproponi AMC jew GM biex tivverifika l-effikaċja tal-azzjonijiet meħuda biex jittaffew ir-riskji, skont ir-rekwiżit li jikkorrispondi.

106. L-Aġenzija sabitha wkoll interessanti li ċerti partijiet interessati talbu li jimxu aktar fid-direzzjoni tar-regoli bbażati fuq il-prestazzjoni. Madankollu, l-Aġenzija taħseb li mhux għaqli li f'dan l-istadju jiġu proposti regoli bbażati fuq prestazzjoni sħiħa u li t-titjib kontinwu tar-regoli, b'mod konsistenti mal-progress li jkun sar fil-livell ta' organizzazzjonijiet, għandu jiffaċilita t-triq lejn regoli bbażati fuq il-prestazzjoni.
107. L-Aġenzija hija konxja wkoll li ċerti punti jeħtieġu iżjed studju, kemm mill-Aġenzija kif ukoll mill-ICAO. Dan huwa l-każ tal-interkonnnessjonijiet bejn is-SMSs. L-Aġenzija taqbel mal-partijiet interessati li l-organizzazzjonijiet m'għandhomx imexxu s-sikurezza waħedhom, iżda għandhom jagħmlu dan flimkien mal-organizzazzjonijiet l-oħra li magħhom ikollhom rabtiet. Pereżempju, ġestjoni tas-sikurezza effettiva minn operatur ta' ajruport timplika koordinazzjoni xierqa mal-operaturi tal-ajru u mal-fornituri tas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru li jużaw is-servizzi tal-ajruport. Għalhekk, l-Aġenzija beħsiebha tipproponi regola biex 'il quddiem tindirizza din il-kwistjoni. Għal dan il-għan, l-Aġenzija għandha tuża l-parir espert tal-gruppi tat-tfassil ta' regoli li jaħdmu fuq ir-regoli ta' implimentazzjoni għall-ajruporti.

Parti-OR Subparti ATO

108. Is-Subparti OR.ATO tiddefinixxi r-rekwiżiti speċifiċi tal-organizzazzjoni għall-ATOs fil-qasam tal-ħruġ ta' liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira, li jikkomplementaw ir-rekwiżiti tas-Subparti GEN. Din tikkonsisti f'erba' Taqsimiet, li huma komposti kif ġej:

- Taqsima I Rekwiżiti ġenerali;
- Taqsima II Rekwiżiti addizzjonali għall-ATOs li jipprovdu taħriġ għal CPL, MPL u ATPL u l-klassifikazzjonijiet u ċ-ċertifikati assoċjati.
- Taqsima III Rekwiżiti addizzjonali għall-ATOs li jipprovdu tipi speċifiċi ta' taħriġ
 - Kapitolu 1: Korsijiet ta' tagħlim minn distanza;
 - Kapitolu 2: Taħriġ fil-ħin tat-titjira żero;
 - Kapitolu 3: Korsijiet tal-MPL; u
 - Kapitolu 4: Taħriġ fit-test tat-tirjira.

109. It-*Taqsima I* tas-subparti OR.ATO tistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-organizzazzjonijiet li jipprovdu taħriġ għal liċenzji, klassifikazzjonijiet u ċertifikati tal-piloti. Din it-taqsima tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat, ir-rekwiżiti għal organizzazzjoni approvata tat-taħriġ (ATO), il-programm ta' taħriġ, il-manwal tat-taħriġ u l-operazzjonijiet, l-inġenju tal-ajru u l-ajrudromi li jridu jintużaw għat-taħriġ u xi rekwiżiti oħra għat-taħriġ li jingħata f'pajjiżi terzi.

It-*Taqsima II* tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet addizzjonali għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jipprovdu taħriġ għal-liċenzji ta' piloti kummerċjali. Din tinkludi xi rekwiżiti addizzjonali li jittrattaw il-persunal u l-programm ta' taħriġ u tiddekrivi f'aktar dettall ir-rekwiżiti addizzjonali għall-manwal tat-taħriġ u l-operazzjonijiet.

It-*Taqsima III* tinkludi r-rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jipprovdu taħriġ ta' tip speċifiku, bħal pereżempju korsijiet ta' tagħlim minn distanza, taħriġ mingħajr ħin fl-ajru, korsijiet li jwasslu għal-liċenzja ta' pilota b'aktar minn membru wieħed tal-ekwipaġġ kif ukoll taħriġ fit-test tat-titjira.

110. Ir-regoli ta' implimentazzjoni proposti tat-Taqsimiet I, II u III huma bbażati fuq ir-rekwiżiti eżistenti għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jinstabu fl-Anness 1 tal-ICAO (Appendiċi 2) u JAR-FCL. Id-differenzi mir-regolamenti ta' qabel huma intiżi l-aktar biex itejbu ċ-ċarezza. Abbażi tar-reazzjonijiet li waslu mingħand il-partijiet interessati, ċerti punti ġew iċċarati u emendati. Meta jiġi kkunsidrat li ħafna mill-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jipprovdu taħriġ biss għal LAPL, PPL, SPL, BPL kif ukoll għall-klassifikazzjonijiet u ċ-ċertifikati assoċjati s'issa qed jiġu kklassifikati jew bħala faċilità reġistrata taħt is-sistema JAR jew inkella huma regolati skont ir-regoli nazzjonali, ċerti rekwiżiti li jirriżultaw mill-JAR-FCL ġew stabbiliti b'mod aktar ġenerali u ssimplifikat fit-Taqsima I. Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-ATOs li jipprovdu taħriġ għal-liċenzji ta' piloti kummerċjali fit-Taqsima II huma bbażati fuq l-Appendiċi 1a għal JAR-FCL 1.055 / 2.055.

111. Is-CRD introduċiet ċerti tibdiliet fit-test tan-NPA għal din it-Taqsima, inkluż l-iżvilupp ta' diversi AMCs oħra li jispjegaw kif għandu jkun hemm konformità mar-regola fil-każ ta' organizzazzjonijiet tat-taħriġ mhux kumplessi li jipprovdu taħriġ biss għal-LAPL, il-PPL, is-SPL jew il-BPL u għall-klassifikazzjonijiet u ċ-ċertifikati assoċjati. Ir-rekwiżiti li kienu proposti fil-bidu biex organizzazzjoni tat-taħriġ tiġi reġistrata bħala entità legali u biex turi r-riżorsi finanzjarji tagħha ġew imħassra. Barra minn hekk ġie deċiż li r-rekwiżit għal manwal tat-taħriġ u operazzjonijiet kellu jiġi trasferit mit-Taqsima II għat-Taqsima I u li dan huwa meħtieġ għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ kollha. Irid jiġi ċċarat li, għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jipprovdu taħriġ biss għal-liċenzji ta' pilota privat (inkluż il-LAPL), dan il-manwal għandu jiġi stabbilit biss fuq livell bażiku ħafna (il-manwali tat-taħriġ u tal-operazzjonijiet jistgħu jkun f'manwal wieħed).

112. Matul il-fażi ta' konsultazzjoni, l-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati fessru t-tħassib tagħhom fuq il-livell ta' dettall meħtieġ għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jirrappreżentaw is-settur mingħajr skop ta' qligħ u li jipprovdu l-aktar taħriġ għal-LAPL u għal-liċenzji privati jew il-klassifikazzjonijiet u ċ-ċertifikati assoċjati l-oħra. L-Aġenzija ppruvat tindirizza dan it-tħassib billi ssimplifikat uħud mir-rekwiżiti f'din it-taqsim. Ġie deċiż ukoll li AMCs/GM oħrajn għal dan it-tip ta' organizzazzjoni tat-taħriġ għandhom jiġu żviluppanti f'kompitu ieħor ta' tfassil ta' regoli fil-futur (pereżempju, il-kontenut tal-manwal tat-taħriġ u l-operazzjonijiet).
113. Abbażi tal-kummenti li waslu li jittrattaw ir-rekwiżiti speċifiċi għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jipprovdu korsijiet biss għall-klassifikazzjonijiet tat-test tat-titjira, l-Aġenzija ddeċidiet li ma tiżviluppax sett speċifiku ta' regoli għal din it-tip ta' organizzazzjoni tat-taħriġ. F'diversi rekwiżiti ġew miżjuda regoli jew mitigazzjonijiet addizzjonali speċifiċi, skont kif xieraq, biex jiġi indirizzat dan il-punt.
114. It-titolu ta' din it-Taqsim ġie emendat biex jiġu indirizzati l-kummenti tal-partijiet interessati dwar l-ambitu tal-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jipprovdu taħriġ biss għal-LAPL, il-PPL, is-SPL jew il-BPL. It-titolu emendat għandu jiċċara li l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jipprovdu taħriġ għal-LAPL u l-liċenzji privati xorta waħda jkunu jistgħu jipprovdu korsijiet ta' taħriġ għall-klassifikazzjonijiet u ċ-ċertifikati assoċjati għal dawn il-liċenzji.
115. Waslu diversi opinjonijiet differenti dwar l-esperjenza meħtieġa tal-għalliem ewlieni tat-titjira (CFI). L-Aġenzija ddeċidiet li temenda t-test propost mas-CRD u li tibqa' aktar qrib it-test li kien inkluż diġà fil-JAR-FCL. Ir-rekwiżit li s-CFI għandu jkollu l-ogħla liċenzja ta' pilota professjonali u l-klassifikazzjonijiet assoċjati relatati mal-korsijiet tat-taħriġ tat-titjira li jsiru ġie trasferit lura lejn ir-regoli ta' implimentazzjoni. L-AMC għandha tiġi emendata wkoll biex dan ir-rekwiżit ikun spjegat iżjed.
116. Kumment simili wasal mingħand diversi partijiet interessati, li qed jipproponi li korsijiet ta' tagħlim minn distanza għandhom ikunu disponibbli għat-taħriġ fil-klassifikazzjoni skont it-tip b'aktar minn pilota wieħed taħt l-istess restrizzjonijiet li japplikaw għal dawk elenkati għall-klassifikazzjonijiet skont it-tip b'pilota wieħed. L-Aġenzija hija konxja li t-tagħlim minn distanza bbażat fuq l-internet qed isir dejjem iżjed disponibbli għat-taħriġ fil-klassifikazzjoni skont it-tip u tirrikonoxxi l-benefiċċju pedagoġiku tagħhom. L-Aġenzija emendat it-test sabiex tippermetti korsijiet ta' tagħlim minn distanza għall-klassifikazzjonijiet kollha skont il-klassi jew it-tip.
117. Il-maġġoranza tal-kummenti u r-reazzjonijiet li waslu dwar ir-rekwiżiti addizzjonali għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ fit-test tat-titjira ma kinux dwar il-kontenut tal-proposti tal-Aġenzija, iżda dwar l-istruttura tagħhom. Diversi partijiet interessati talbu li jkun hemm Subparti separata għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ tat-test tat-titjira. Wara li rrevediet bir-reqqa l-kummenti u r-rekwiżiti, bl-appoġġ tal-grupp ta' reviżjoni tat-test tat-titjira, l-Aġenzija kkonkludiet li, anke jekk it-taħriġ fit-test tat-titjira huwa attività speċifika ħafna, ma kien hemm l-ebda ħtieġa li tinħoloq Subparti separata. Fil-fatt, il-maġġoranza l-kbira tar-rekwiżiti ġenerali għall-ATOs jistgħu jiġu applikati għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ fit-test tat-titjira. Madankollu, ġew identifikati xi ftit punti speċifiċi għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ fit-test tat-titjira u dawn ġew riflessi fit-test jew bl-esklużjoni ta' dawn l-organizzazzjonijiet minn ċerti rekwiżiti ġenerali, jew billi ġie emendat it-test tal-bidu ta' OR.ATO.355.
118. L-approvazzjonijiet ta' organizzazzjoni tat-taħriġ maħruġa jew rikonoxxuti skont ir-rekwiżiti applikabbli tal-JAR-FCL minn Stat Membru li jkun implimenta il-JAR-FCL u li jkunu ġew rakkomandati għall-għarfien reċiproku għandhom jitqiesu li jkunu nħarġu skont il-Parti-OR. F'każ bħal dan il-perjodu għall-għeluq tas-sejbiet tal-livell 2 m'għandux ikun ta' iktar minn sentejn meta dawn is-sejbiet ikunu ġejjin mid-differenzi mal-liġijiet nazzjonali ta' qabel li jirriflettu r-rekwiżiti tal-JAR-FCL għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ.
119. Għal organizzazzjoni tat-taħriġ li ma kinitx taħt l-ambitu tas-sistema JAR-FCL u li tipprovdi biss taħriġ għal-liċenzji privati jew il-klassifikazzjonijiet u ċ-ċertifikati assoċjati,

qed ikun propost li l-Istati Membri jistgħu jittardjaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Parti-AR u l-Parti-OR sa tliet snin wara d-data tal-applikabbiltà tar-regolament il-ġdid. Dan il-perjodu ta' transizzjoni għandu jindirizza t-tħassib imfisser l-aktar minn organizzazzjonijiet tat-taħriġ żgħar u organizzazzjonijiet ta' partijiet interessati, fejn ġie emfasizzat li l-faċilitajiet jew l-organizzazzjonijiet l-oħra tat-taħriġ li huma reġistrati skont is-sistema nazzjonali se jkollhom bżonn ta' aktar żmien biex iħejju ruħhom għar-regolament il-ġdid. Ċerti organizzazzjonijiet ta' partijiet interessati u Stati Membri pproponew ċertu tip ta' "*grandfathering*" għall-faċilitajiet reġistrati. Il-kwistjoni ġiet riveduta bir-reqqa mill-Aġenzija, iżda minħabba d-differenzi sinifikanti bejn ir-rekwiżiti li jridu jiġu segwiti biex jiġu aċċettati bħala faċilità reġistrata u l-approvazzjoni għas-sistema tal-ATO, fil-futur l-ebda klawnsola ta' kreditu speċifiku jew *grandfathering* ma tista' tiġi introdotta għal dan it-tip ta' organizzazzjoni tat-taħriġ. Madankollu, l-Aġenzija tassumi li f'ħafna każijiet it-trasferiment ta' faċilità reġistrata eżistenti lejn is-sistema futura tal-ATO għandu jiġi bbażat fuq analiżi tal-lakuna bejn iż-żewġ regolamenti. Dan għandu jippermetti xi tip ta' kreditu li għandu jingħata lill-organizzazzjoni tat-taħriġ għall-elementi stabbiliti u approvati diġà mill-awtorità kompetenti (pereżempju, il-manwal tat-taħriġ u l-operazzjonijiet/elementi tas-SMS).

Parti-OR Subparti FSTD

120. Is-Subparti OR.FSTD tiddefinixxi r-rekwiżiti speċifiċi għall-organizzazzjonijiet li joperaw tagħmir ta' taħriġ tas-simulazzjoni tat-titjir (FSTDs) u l-kwalifika tal-FSTDs. Din tikkonsisti minn żewġ Taqsimiet, kif ġej:
- Taqsima I Rekwiżiti għal organizzazzjonijiet li joperaw FSTDs
 - Taqsima II Rekwiżiti għall-kwalifika tal-FSTDs
121. OR.FSTD tiddefinixxi r-rekwiżiti addizzjonali li joperaw FSTDs u l-kwalifika tal-FSTDs. Hija tindirizza lil organizzazzjonijiet bħalma huma l-operaturi ta' FSTDs li ma jkunux jipprovdu programmi ta' taħriġ kif ukoll id-detenturi ta' ATOs u AOC li joperaw FSTDs.
- *It-Taqsima I* tiddekrivi kif organizzazzjoni li topera FSTD tista' tagħti evidenza *lill-awtorità kompetenti* li din għandha l-kapaċità li żżomm il-livell tal-kwalifika tal-FSTD bħalma huwa ċertifikat u kif din għandha tipproċedi meta tkun meħtieġa kwalunkwe tip ta' modifikazzjoni jew meta jiżdied tagħmir addizzjonali mal-FSTD. Element importanti biex tkun żgurata l-konformità kontinwata mar-rekwiżiti applikabbli huwa l-programm ta' sorveljanza tal-konformità (CMP).
 - *It-Taqsima II* tindirizza l-fażijiet kollha mill-applikazzjoni għall-kwalifika tal-FSTD, il-bażi tal-kwalifika, li tinkludi is-CS, il-każ speċjali ta' kwalifika provviżorja sal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD u l-validità tiegħu.
122. OR.FSTD hija bbażata fuq JAR-FSTD A u H. Id-differenzi għar-regolamenti ta' qabel huma relatati l-aktar mat-titjib fiċ-ċarezza. Mhemm l-ebda differenzi fundamentali għall-operaturi tal-FSTD.
123. Minħabba li qatt ma kien hemm rekwiżit li l-utent ta' FSTD (fil-każ ta' detenturi ta' ATOs jew AOC) jiġi pprovdut b'approvazzjoni f'dokument wieħed, l-approvazzjoni biex jintuża FSTD se ssir parti miċ-ċertifikat tal-ATO (appendiċi) jew mill-manwal tat-taħriġ (OM-D) tad-detenturi ta' AOC b'rabta mal-programmi ta' taħriġ approvati. Dan jiżgura li d-dispożizzjoni dwar id-dettalji fil-programm tat-taħriġ rigward it-tagħmir speċifiku tat-taħriġ, li jrid jiġi identifikat permezz tal-kodiċi ta' ittri speċifiku tiegħu, tkun fil-fatt tista' tinżamm.
124. Biex ikunu indirizzati l-operaturi ta' FSTD li ma jkunux jipprovdu programmi ta' taħriġ, intuża t-terminu ġenerali "organizzazzjonijiet li joperaw FSTD". Dan ikopri kemm id-detenturi tal-ATOs kif ukoll dawk ta' AOC li joperaw FSTDs. Jekk, pereżempju, ATO jopera FSTD, ir-regoli fit-Taqsima III jkunu japplikaw ukoll għal dawn, minbarra r-regoli applikabbli l-oħrajn tas-Subparti OR.ATO.

L-organizzazzjonijiet kollha li joperaw FSTDs għandu jkollhom fis-seħħ programm ta' sorveljanza ta' konformità (CM) li jkun effettiv. Dan irid jiġi ppruvat mill-awtorità kompetenti qabel ma jinħareġ iċ-ċertifikat tal-kwalifika. Ir-rekwiżit għaż-żamma tar-rekords bħala parti mill-programm CM ġie miżjud.

Żdiedet konnessjoni mal-Parti-21 biex tinkludi d-dejta tal-validazzjoni tal-inġenju tal-ajru definita bid-dejta tal-adeqwatezza tal-operat (OSD) fil-bażi tal-kwalifika tat-tip(i) rispettiva/i ta' FSTD.

125. Għad-detenturi ta' ċertifikat ta' FSTD, qed ikun propost perjodu ta' tranżizzjoni biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti kif elenkati f'OR.GEN.200(a)(3) bħala opt-out ta' sentejn, minħabba li ma jistax jiġi preżunt li l-partijiet kollha diġà ġew implimentati taħt ir-regolamenti eżistenti (pereżempju, l-identifikazzjoni ta' perikli għas-sikurezza).

Parti-OR Subparti AeMC

Irreferi għall-Parti-AR Subparti AeMC.

Kolonja, 19 ta' April 2011

P. GOUDOU
Direttur Eżekuttiv

ANNEX I**Referenzi u titoli tar-regolament – tabella ta' paragon CRD / Opinjoni (fl-ordni tas-CRD)**

Referenza għar-regola tas-CRD	Titolu tar-regola tas-CRD	Referenza għar-regola ta' Opinjoni	Titolu tar-regola ta' Opinjoni
REGOLAMENT TA' KOPERTURA			
AR Artikolu 1	Għan u Ambitu	Artikolu 1	Għan u Ambitu
AR Artikolu 2	Definizzjonijiet	Artikolu 2	Definizzjonijiet
AR Artikolu 3	Programm ta' Sikurezza	Artikolu 3	Ippjanar tas-sikurezza
AR Artikolu 4	Kapaċitajiet ta' sorveljanza	Artikolu 4	Kapaċitajiet ta' sorveljanza
AR Artikolu 5	Dispożizzjonijiet ta' flessibilità	Artikolu 5	Dispożizzjonijiet ta' flessibilità
AR Artikolu 6	Arranġamenti tranżizzjonali	Artikolu 6	Organizzazzjonijiet tat-taħriġ ta' piloti
AR Artikolu 7	Dħul fis-seħħ	Artikolu 7	Tagħmir ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir
---	---	Artikolu 8	Ċentri ajrumediċi
---	---	Artikolu 9	Miżuri tranżizzjonali
---	---	Artikolu 10	Dħul fis-seħħ
AR.GEN – REKWIŻITI ĠENERALI			
AR.GEN	Taqsimi I – ĠENERALI	AR.GEN	Taqsimi I – ĠENERALI
AR.GEN.115	Dokumentazzjoni tas-sorveljanza	AR.GEN.115	Dokumentazzjoni tas-sorveljanza
AR.GEN.120	Mezzi ta' konformità	AR.GEN.120	Mezzi ta' konformità
AR.GEN.125	Informazzjoni lill-Aġenzija	AR.GEN.125	Informazzjoni lill-Aġenzija
AR.GEN.135	Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza	AR.GEN.135	Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza
AR.GEN	Taqsimi II – ĠESTJONI	AR.GEN	Taqsimi II – ĠESTJONI
AR.GEN.200	Sistema ta' ġestjoni	AR.GEN.200	Sistema ta' ġestjoni
AR.GEN.205	Użu ta' entitajiet kwalifikati	AR.GEN.205	Allokazzjoni tal-kompiti
AR.GEN.210	Bidliet fis-sistema tal-ġestjoni	AR.GEN.210	Bidliet fis-sistema tal-ġestjoni
AR.GEN.220	Żamma tar-rekords	AR.GEN.220	Żamma tar-rekords
AR.GEN	Taqsimi III - SORVELJANZA, ĊERTIFIKAZZJONI U INFURZAR	AR.GEN	Taqsimi III - SORVELJANZA, ĊERTIFIKAZZJONI U INFURZAR
AR.GEN.300	Sorveljanza kontinwata	AR.GEN.300	Sorveljanza
AR.GEN.305	Programm ta' sorveljanza	AR.GEN.305	Programm ta' sorveljanza
AR.GEN.310	Proċedura ta' ċertifikazzjoni tal-bidu – organizzazzjonijiet	AR.GEN.310	Proċedura ta' ċertifikazzjoni tal-bidu – organizzazzjonijiet
AR.GEN.315	Proċedura għall-ħruġ, il-validazzjoni mill-ġdid, it-tiġdid jew il-bdil ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet jew ċertifikati – persuni	AR.GEN.315	Proċedura għall-ħruġ, il-validazzjoni mill-ġdid, it-tiġdid jew il-bdil ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet jew ċertifikati – persuni
AR.GEN.330	Bidliet – organizzazzjonijiet	AR.GEN.330	Bidliet – organizzazzjonijiet
AR.GEN.345	Dikjarazzjoni – organizzazzjonijiet	---	li għad trid tiġi ppubblikata mal-Opinjoni għar-Regolament dwar l-Operazzjonijiet tal-Ajru

Referenza għar-regola tas-CRD	Titolu tar-regola tas-CRD	Referenza għar-regola ta' Opinjoni	Titolu tar-regola ta' Opinjoni
AR.GEN.350	Sejbiet u azzjonijiet korrettivi – organizzazzjonijiet	AR.GEN.350	Sejbiet u azzjonijiet korrettivi
AR.GEN.355	Miżuri ta' infurzar – persuni	AR.GEN.355	Miżuri ta' infurzar – persuni
AR.GEN	AR.GEN.Taqsimha IV "Spezzjonijiet tar-Rampa"	AR.RAMP	Trid tiġi pubblikata mal-Opinjoni għar-Regolament dwar l-Operazzjonijiet tal-Ajru
AR.OPS	AR.OPS	AR.OPS	
AR.FCL – REKWIŻITI SPEĊIFIĊI RELATATI MAL-ĦRUĠ TA' LIĊENZJI TAL-EKWIPAĠĠ TAT-TITJIRA			
AR.FCL	Taqsimha I – ĠENERALI	AR.FCL	Taqsimha I – ĠENERALI
AR.FCL.120	Żamma tar-rekords	AR.FCL.120	Żamma tar-rekords
AR.FCL	Taqsimha II – LIĊENZJI, KLASSIFIKAZZJONIJIET U ĊERTIFIKATI	AR.FCL	Taqsimha II – LIĊENZJI, KLASSIFIKAZZJONIJIET U ĊERTIFIKATI
AR.FCL.200	Proċeduri għall-ħruġ, il-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid ta' liċenzja, klassifikazzjoni jew ċertifikat	AR.FCL.200	Proċeduri għall-ħruġ, il-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid ta' liċenzja, klassifikazzjoni jew ċertifikat
AR.FCL.205	Sorveljanza tal-eżaminaturi	AR.FCL.205	Sorveljanza tal-eżaminaturi
AR.FCL.210	Informazzjoni għall-eżaminaturi	AR.FCL.210	Informazzjoni għall-eżaminaturi
AR.FCL.215	Perjodu ta' validità	AR.FCL.215	Perjodu ta' validità
AR.FCL.220	Proċedura għall-ħruġ mill-ġdid ta' liċenzja ta' pilota	AR.FCL.220	Proċedura għall-ħruġ mill-ġdid ta' liċenzja ta' pilota
AR.FCL.250	Limitazzjoni, sospensjoni u revoka ta' liċenzji, klassifikazzjoni u ċertifikati	AR.FCL.250	Limitazzjoni, sospensjoni u revoka ta' liċenzji, klassifikazzjoni u ċertifikati
AR.FCL	Taqsimha III – EŻAMI TAL-GĦARFIEN TEORETIKU	AR.FCL	Taqsimha III – EŻAMI TAL-GĦARFIEN TEORETIKU
AR.FCL.300	Proċeduri tal-eżami	AR.FCL.300	Proċeduri tal-eżami
Appendiċi VII għall-Anness 1 – Formola 141 tal-Parti-AR tal-EASA	Format Bażiku tal-Liċenzja tal-EASA	Appendiċi I għall-Anness II – Formola 141 tal-Parti-AR tal-EASA	Format Bażiku tal-Liċenzja tal-EASA
AR.CC – REKWIŻITI SPEĊIFIĊI RELATATI MAL-EKWIPAĠĠ TAL-KABINA			
AR.CC	Taqsimha I – APPROVAZZJONI TA' ORGANIZZAZZJONIJIET LI JIPPROVDU TAĦRIĠ GĦAS-CC JEW LI JOĦORĠU ATTESTAZZJONIJIET TA' CC	AR.CC	Taqsimha II – APPROVAZZJONI TA' ORGANIZZAZZJONIJIET LI JIPPROVDU TAĦRIĠ GĦAS-CC JEW LI JOĦORĠU ATTESTAZZJONIJIET TA' CC
AR.CC.100	Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet li jipprovdut taħriġ għall-ekwipaġġ tal-kabina jew li joħorġu attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina	AR.CC.200	Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet li jipprovdut taħriġ għall-ekwipaġġ tal-kabina jew li joħorġu attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina
AR.CC	Taqsimha II – ATTESTAZZJONI TAL-EKWIPAĠĠ TAL-KABINA		Taqsimha I – ATTESTAZZJONI TAL-EKWIPAĠĠ TAL-KABINA
AR.CC.200	Proċeduri għall-ħruġ tal-attezzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina	AR.CC.100	Proċeduri għall-ħruġ tal-attezzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina
AR.CC.205	Format u speċifikazzjonijiet għall-attezzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina	---	[Inkorporata f'AR.CC.100]

Referenza għar-regola tas-CRD	Titulu tar-regola tas-CRD	Referenza għar-regola ta' Opinjoni	Titulu tar-regola ta' Opinjoni
AR.CC.215	Sospensjoni u revoka tal-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina	AR.CC.105	Sospensjoni u revoka tal-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina
Appendiċi VIII għall-Anness 1 – Formola 142 tal-Parti-AR tal-EASA	Format bażiku tal-EASA għall-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina	Appendiċi II għall-Anness II – Formola 142 tal-Parti-AR tal-EASA	Format bażiku tal-EASA għall-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina
AR.ATO – REKWIŻITI SPEĊIFIĊI RELATATI MA' ORGANIZZAZZJONIJIET TAT-TAĦRIĠ APPROVATI (ATOs)			
AR.ATO.105	Programm ta' sorveljanza	AR.ATO.105	Programm ta' sorveljanza
AR.ATO.120	Żamma tar-rekords	AR.ATO.120	Żamma tar-rekords
AR.FSTD – REKWIŻITI SPEĊIFIĊI RELATATI MAL-KWALIFIKA TA' TAGĦMIR TA' TAĦRIĠ TA' SIMULAZZJONI TAT-TITJIR (FSTD)			
AR.ATO.200	Proċedura ta' valutazzjoni tal-bidu	AR.FSTD.100	Proċedura ta' valutazzjoni tal-bidu
AR.ATO.210	Ħruġ ta' ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD	AR.FSTD.110	Ħruġ ta' ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD
AR.ATO.220	Kontinwazzjoni ta' kwalifika ta' FSTD	AR.FSTD.120	Kontinwazzjoni ta' kwalifika ta' FSTD
AR.ATO.230	Tibdillet	AR.FSTD.130	Tibdillet
AR.ATO.235	Sejbiet u azzjonijiet korrettivi – ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD	AR.FSTD.135	Sejbiet u azzjonijiet korrettivi – ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD
Appendix IX to Annex 1 – Part-AR EASA Form 143	Ċertifikat għal Organizzazzjonijiet tat-Taħriġ Approvati b'formola tal-approvazzjoni ta' kors ta' taħriġ	Appendix III to Annex II – Part-AR EASA Form 143	Ċertifikat għal Organizzazzjonijiet tat-Taħriġ Approvati b'formola tal-approvazzjoni ta' kors ta' taħriġ
Appendiċi X għall-Anness 1 – Formola 145 tal-Parti-AR tal-EASA	Ċertifikat tal-kwalifika ta' tagħmir ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir	Appendiċi IV għall-Anness II – Formola 145 tal-Parti-AR tal-EASA	Ċertifikat tal-kwalifika ta' tagħmir ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir
AR.AeMC – REKWIŻITI SPEĊIFIĊI RELATATI MA' ĊENTRI AJRUMEDIĊI (AeMCs)			
AR.AeMC.110	Proċedura ta' ċertifikazzjoni tal-bidu	AR.AeMC.110	Proċedura ta' ċertifikazzjoni tal-bidu
AR.AeMC.150	Sejbiet u azzjonijiet korrettivi – AeMC	AR.AeMC.150	Sejbiet u azzjonijiet korrettivi – AeMC
Appendiċi XI għall-Anness 1 – Formola 146 tal-Parti-AR tal-EASA	Ċertifikat għal ċentri ajrumediċi (AeMCs)	Appendiċi V għall-Anness II – Formola 146 tal-Parti-AR tal-EASA	Ċertifikat għal ċentri ajrumediċi (AeMCs)
AR.MED – REKWIŻITI SPEĊIFIĊI RELATATI MAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI AJRUMEDIKA			
AR.MED	Taqsimi I – ĠENERALI	AR.MED	Taqsimi I – ĠENERALI
AR.MED.120	Assessuri mediċi	`	Assessuri mediċi
AR.MED.125	Riferiment għall-awtorità tal-liċenzja	AR.MED.125	Riferiment għall-awtorità tal-liċenzja
AR.MED.130	Format taċ-ċertifikat mediku	AR.MED.130	Format taċ-ċertifikat mediku
AR.MED.135	Formoli ajrumediċi	AR.MED.135	Formoli ajrumediċi
AR.MED.145	Dikjarazzjoni tal-GMP lill-awtorità kompetenti	AR.MED.145	Dikjarazzjoni tal-GMP lill-awtorità kompetenti
AR.MED.150	Żamma tar-rekords	AR.MED.150	Żamma tar-rekords
AR.MED	Taqsimi II – EŻAMINATURI AJRUMEDIĊI	AR.MED	Taqsimi II – EŻAMINATURI AJRUMEDIĊI

Referenza għar-regola tas-CRD	Titulu tar-regola tas-CRD	Referenza għar-regola ta' Opinjoni	Titulu tar-regola ta' Opinjoni
AR.MED.200	AR.MED.200 Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' eżaminatur ajrumediku (AME)	AR.MED.200	Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' eżaminatur ajrumediku (AME)
AR.MED.240	Tobba tal-mediċina (GMPs) li jaġixxu bħala eżaminaturi ajrumediċi (AMEs)	AR.MED.240	Tobba tal-mediċina (GMPs) li jaġixxu bħala AMEs
AR.MED.245	Sorveljanza kontinwata tal-eżaminaturi ajrumediċi (AMEs) u tat-tobba (GMPs)	AR.MED.245	Sorveljanza kontinwata tal-AMEs u l-GMPs
AR.MED.250	Limitazzjoni, sospensjoni u revoka ta' ċertifikat ta' eżaminatur ajrumediku	AR.MED.250	Limitazzjoni, sospensjoni u revoka ta' ċertifikat ta' eżaminatur ajrumediku
AR.MED.255	Miżuri ta' infurzar	AR.MED.255	Miżuri ta' infurzar
AR.MED	Taqsimi III – ĊERTIFIKAZZJONI MEDIKA	AR.MED	Taqsimi III – ĊERTIFIKAZZJONI MEDIKA
AR.MED.315	Reviżjoni tar-rapporti tal-eżami	AR.MED.315	Reviżjoni tar-rapporti tal-eżami
AR.MED.325	Proċedura ta' reviżjoni sekondarja	AR.MED.325	Proċedura ta' reviżjoni sekondarja
Appendiċi XII għall-Anness 1 – Formola 147 tal-Parti-AR tal-EASA	Format bażiku taċ-ċertifikat mediku tal-EASA	Appendiċi VI għall-Anness II – Formola 147 tal-Parti-AR tal-EASA	Format bażiku taċ-ċertifikat mediku tal-EASA
Regolament ta' Kopertura			
OR Artikolu 1	Oġġettiv u ambitu	Artikolu 1	Oġġettiv u ambitu
OR Artikolu 2	Definizzjonijiet	Artikolu 2	Definizzjonijiet
OR Artikolu 3	Organizzazzjonijiet tat-Taħriġ ta' Piloti	Artikolu 6	Organizzazzjonijiet tat-Taħriġ ta' Piloti
OR Artikolu 4	Tagħmir ta' Taħriġ ta' Simulazzjoni tat-Titjir	Artikolu 7	Tagħmir ta' Taħriġ ta' Simulazzjoni tat-Titjir
OR Artikolu 5	Ċentri ajrumediċi	Artikolu 8	Ċentri ajrumediċi
OR Artikolu 6	Operaturi tal-ajru	---	---
OR Artikolu 8	Dħul fis-seħħ	Artikolu 10	Dħul fis-seħħ
OR.GEN – REKWIŻITI ĠENERALI			
OR.GEN	Taqsimi I – ĠENERALI	OR.GEN	Taqsimi I – ĠENERALI
OR.GEN.105	Awtorità kompetenti	OR.GEN.105	Awtorità kompetenti
OR.GEN.115	Applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni	OR.GEN.115	Applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni
OR.GEN.120	Mezzi ta' konformità	OR.GEN.120	Mezzi ta' konformità
OR.GEN.125	Termini ta' approvazzjoni u privileġġi ta' organizzazzjoni	OR.GEN.125	Termini ta' approvazzjoni u privileġġi ta' organizzazzjoni
OR.GEN.130	Bidliet fl-organizzazzjonijiet soġġett għal ċertifikazzjoni	OR.GEN.130	Bidliet fl-organizzazzjonijiet soġġett għal ċertifikazzjoni
OR.GEN.135	Validità kontinwata	OR.GEN.135	Validità kontinwata
OR.GEN.140	Aċċess	OR.GEN.140	Aċċess
OR.GEN.145	Dikjarazzjoni	---	għad trid tiġi ppubblikata mal-Opinjoni għal Regolament dwar l-Operazzjonijiet tal-Ajru

Referenza għar-regola tas-CRD	Titulu tar-regola tas-CRD	Referenza għar-regola ta' Opinjoni	Titulu tar-regola ta' Opinjoni
OR.GEN.150	Sejbiet	OR.GEN.150	Sejbiet
OR.GEN.155	Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza	OR.GEN.155	Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza
OR.GEN.160	Rappurtar ta' okkorrenzi	OR.GEN.160	Rappurtar ta' okkorrenzi
OR.GEN	Taqsimi II – SISTEMA TA' ĠESTJONI	OR.GEN	Taqsimi II – SISTEMA TA' ĠESTJONI
OR.GEN.200	Sistema ta' ġestjoni	OR.GEN.200	Sistema ta' ġestjoni
OR.GEN.205	Kuntrattar u xiri	OR.GEN.205	Attivitajiet kuntrattati
OR.GEN.210	Rekwiżiti tal-persunal	OR.GEN.210	Rekwiżiti tal-persunal
OR.GEN.215	Rekwiżiti tal-faċilità	OR.GEN.215	Rekwiżiti tal-faċilità
OR.GEN.220	Żamma tar-rekords	OR.GEN.220	Żamma tar-rekords
OR.OPS.GEN	OR.OPS.GEN	CAT.OR	Iridu jiġu ppubblikati mal-Opinjoni għar-Regolament dwar l-Operazzjonijiet tal-Ajru
OR.OPS.MLR	OR.OPS.MLR	CAT.MLR	
OR.OPS.AOC	OR.OPS.AOC	CAT.AOC	
OR.OPS.FC	OR.OPS.FC	CAT.FC	
OR.OPS.CC	OR.OPS.CC	CAR.CC	
OR.OPS.TC	OR.OPS.TC	CAT.TC	
OR.OPS.SEC	OR.OPS.SEC	CAT.SEC	
OR.ATO – ORGANIZZAZZJONIJIET TAT-TAĦRIĠ APPROVATI			
OR.ATO	Taqsimi I - ĠENERALI	OR.ATO	Taqsimi I – ĠENERALI
OR.ATO.100	Ambitu	OR.ATO.100	Ambitu
OR.ATO.105	Applikazzjoni	OR.ATO.105	Applikazzjoni
OR.ATO.110	Rekwiżiti tal-persunal	OR.ATO.110	Rekwiżiti tal-persunal
OR.ATO.120	Żamma tar-rekords	OR.ATO.120	Żamma tar-rekords
OR.ATO.125	Programm ta' taħriġ	OR.ATO.125	Programm ta' taħriġ
OR.ATO.130	Manwal tat-taħriġ u manwal tal-operazzjonijiet	OR.ATO.130	Manwal tat-taħriġ u manwal tal-operazzjonijiet
OR.ATO.135	Inġenju tal-ajru tat-taħriġ u FSTDs	OR.ATO.135	Inġenju tal-ajru tat-taħriġ u FSTDs
OR.ATO.140	Ajrudromi u siti tal-operat	OR.ATO.140	Ajrudromi u siti tal-operat
OR.ATO.145	Prerekwiżiti għat-taħriġ	OR.ATO.145	Prerekwiżiti għat-taħriġ
OR.ATO.150	Taħriġ f'Pajjiżi Terzi	OR.ATO.150	Taħriġ f'Pajjiżi Terzi
OR.ATO	Taqsimi II – REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-ATOs LI JIPPROVDU TAĦRIĠ GĦAL-LIĊENZJI U KLASSIFIKAZZJONIJIET GĦAJR IL-LAPL, IL-PPL, IS-SPL U L-BPL	OR.ATO	Taqsimi II – REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-ATOs LI JIPPROVDU TAĦRIĠ GĦAL-LIĊENZJI U KLASSIFIKAZZJONIJIET GĦAJR IL-LAPL, IL-PPL, IS-SPL U L-BPL
OR.ATO.210	Rekwiżiti tal-persunal	OR.ATO.210	Rekwiżiti tal-persunal
OR.ATO.225	Programm ta' taħriġ	OR.ATO.225	Programm ta' taħriġ
OR.ATO.230	Manwal tat-taħriġ u manwal tal-operazzjonijiet	OR.ATO.230	Manwal tat-taħriġ u manwal tal-operazzjonijiet
OR.FSTD – REKWIŻITI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET LI JOPERAW TAGĦMIR TA' TAĦRIĠ TA'			

Referenza għar-regola tas-CRD	Titulu tar-regola tas-CRD	Referenza għar-regola ta' Opinjoni	Titulu tar-regola ta' Opinjoni
SIMULAZZJONI TAT-TITJIR (FSTDs) U L-KWALIFIKA TAL-FSTDs			
OR.ATO	Taqsimi III – REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET LI JOPERAW FSTDs U L-KWALIFIKA TAL-FSTDs	OR.FSTD	Taqsimi I – REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET LI JOPERAW FSTDs U L-KWALIFIKA TAL-FSTDs
OR.ATO.300	Ġenerali	OR.FSTD.100	Ġenerali
OR.ATO.305	Żamma tal-kwalifika ta' FSTD	OR.FSTD.105	Żamma tal-kwalifika ta' FSTD
OR.ATO.310	Modifikazzjonijiet	OR.FSTD.110	Modifikazzjonijiet
OR.ATO.315	Installazzjonijiet	OR.FSTD.115	Installazzjonijiet
OR.ATO.320	Tagħmir addizzjonali	OR.FSTD.120	Tagħmir addizzjonali
OR.ATO	Taqsimi III – REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET LI JOPERAW FSTDs U L-KWALIFIKA TAL-FSTDs (KONTINWATA)	OR.FSTD	Taqsimi II – REKWIŻITI GĦALL-KWALIFIKA TA' FSTDs
OR.ATO.350	Applikazzjoni għall-kwalifika tal-FSTD	OR.FSTD.200	Applikazzjoni għall-kwalifika tal-FSTD
OR.ATO.355	Speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni għall-FSTDs	OR.FSTD.205	Speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni għall-FSTDs
OR.ATO.360	Bażi tal-kwalifika	OR.FSTD.210	Bażi tal-kwalifika
OR.ATO.365	Frug ta' ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD	OR.FSTD.215	Frug ta' ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD
OR.ATO.370	Kwalifika provviżorja ta' FSTD	OR.FSTD.220	Kwalifika provviżorja ta' FSTD
OR.ATO.375	Perjodu u validità kontinwata	OR.FSTD.225	Perjodu u validità kontinwata
OR.ATO.380	Bidliet fl-FSTD kwalifikat	OR.FSTD.230	Bidliet fl-FSTD kwalifikat
OR.ATO.385	Trasferibbiltà ta' kwalifika ta' FSTD	OR.FSTD.235	Trasferibbiltà ta' kwalifika ta' FSTD
OR.ATO.390	Żamma tar-rekords	OR.FSTD.240	Żamma tar-rekords
OR.ATO	TAQSIMA IV – REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-ATOs LI JIPPROVDU TIPI SPEĊIFIĊI TA' TAĦRIĠ	OR.ATO	TAQSIMA III - REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-ATOs LI JIPPROVDU TIPI SPEĊIFIĊI TA' TAĦRIĠ
OR.ATO.400	Ġenerali	OR.ATO.300	Ġenerali
OR.ATO.405	Tagħlim fil-klassi	OR.ATO.305	Tagħlim fil-klassi
OR.ATO.410	Għalliema	OR.ATO.310	Għalliema
OR.ATO.430	Ġenerali	OR.ATO.330	Ġenerali
OR.ATO.435	Simulatur ta' Titjira Sħiħa	OR.ATO.335	Simulatur ta' Titjira Sħiħa
OR.ATO.450	Ġenerali	OR.ATO.350	Ġenerali
OR.ATO.455	Organizzazzjonijiet tat-taħriġ fit-test tat-titjira	OR.ATO.355	Organizzazzjonijiet tat-taħriġ fit-test tat-titjira
OR.AeMC	OR.AeMC	OR.AeMC	ĊENTRI AJRUMEDIĊI
OR.AeMC	Taqsimi I - ĠENERALI	OR.ATO	Taqsimi I – ĠENERALI
OR.AeMC.105	Ambitu	OR.AeMC.105	Ambitu
OR.AeMC.115	Applikazzjoni	OR.AeMC.115	Applikazzjoni

Referenza għar-regola tas-CRD	Titolu tar-regola tas-CRD	Referenza għar-regola ta' Opinjoni	Titolu tar-regola ta' Opinjoni
OR.AeMC.135	Validità kontinwata	OR.AeMC.135	Validità kontinwata
OR.AeMC	Taqsimi II - ĠESTJONI	OR.AeMC	Taqsimi II - ĠESTJONI
OR.AeMC.200	Sistema ta' ġestjoni	OR.AeMC.200	Sistema ta' ġestjoni
OR.AeMC.210	Rekwiżiti tal-persunal	OR.AeMC.210	Rekwiżiti tal-persunal
OR.AeMC.215	Rekwiżiti tal-faċilità	OR.AeMC.215	Rekwiżiti tal-faċilità
OR.AeMC.220	Żamma tar-rekords	OR.AeMC.220	Żamma tar-rekords